MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 28a

29 ta' Lulju 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 28 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 29 ta' Lulju 2026 fil-5.30pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, Emvin Bartolo u Loridana Darmanin li talbu li jiġu skużati.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

Il-Kunsillier J. Cauchi talab li s-silta numru 5.1.5. tal-minuti tas-Seduta Numru 26 tinqara kif ġej:

*5.1.5. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li huwa għamel kuntatt mal-Mellieħa Sports Club li aċċettaw li jikkollaboraw* ***f'waħda mill-attivitajiet****, iżda talba li jkunu nfurmati x'ser ikun l-involviment tagħhom.*

Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jiċċara li b'rabta mas-silta numru 2.8.5. tal-istess minuti, huwa mhux ser ikun jista' jakkumpanja lid-delegazzjoni tal-Kunsill għaż-żjara f'Cavriglia peress li ser ikun imsiefer.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 26 li saret fil-25 ta' Ġunju 2026 u tas-Seduta Nru. 27 li ssejġet b'urġenza, ġew approvati.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.1.2. Il-ħarġa kulturali ippjanata għax-xahar ta' Ġunju għall-gżira Għawdxija ma saritx peress li kien hemm attivitajiet u inizjattivi oħra għaddejjin. Il-ħarġiet kulturali jerġgħu jibdew isiru wara li jgħaddi s-sajf.

2.1.3. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li avviċinawha minn MICAS dwar il-possibiltà li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar attivitajiet li jistgħu jsiru bejn MICAS u l-Kunsill.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.2.2. Il-Kunsill tat-Tfal ser jieqaf jiltaqa' matul ix-xhur tas-sajf. Ms Emilia Mercieca ser tkun il-persuna responsabbli mill-Kunsill tat-Tfal u t-tfal diġa' kellhom laqgħa magħha. Il-laqgħat jerġgħu jibdew f'Settembru 2026.

2.2.3. L-inizjattiva 'Star Gazing Event' possibbilment ser issir lejn l-aħħar ta' Awwissu 2026, bħalma saret is-sena l-oħra.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħtif mogħti.

**2.3.1. Sessjonijiet fuq it-Teknoloġija tal-Informatika (IT) fil-Komunità (K/16)**

2.3.2. Is-sitt sessjonijiet dwar it-Teknoloġija tal-Informattika offruti b'xejn mill-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA) lill-anzjani tal-lokalità. Dawn is-sessjonijiet kienu suċċess u ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-parteċipanti.

2.3.3. B'referenza wkoll għaċ-ċirkulari tal-AKL 049/26 dwar l-inizjattiva nazzjonali mnedija minn Malta Digital Innovation Agency (MDIA) dwar 'AI for All', il-Kunsill wera l-interess li dawn is-sessjonijiet isiru anke fl-uffiċċju tal-Kunsill għall-benefiċċju ta' dawk kollha interessati.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4) (V/1 Vol II)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità ser issir nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Awwissu 2023 fil-5.30pm.

2.4.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg talab li possibbilment il-Pulizija tal-Komunità jagħmlu patrolling fl-inħawi tal-Bajja tal-Armier iż-Żgħir peress li hemm numru ta' caravans ipparkjati fuq il-blat.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Inizjattiva 'Libreriji fl-Apert' (L/4 Vol IV)**

2.5.2. Dwar din l-inizjattiva, ġie issuġġerit li jsir kuntatt mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu sabiex possibiliment issir l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-'Librerija fl-Apert' li twaħħlet riċentement fil-playing field ta' Triq l-Erwieħ.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.6.2. Ser ikun hemm waqfa tas-sessjonijiet imsemmija waqt ix-xhur tas-sajf. Is-sessjonijiet tal-qari jerġgħu jibdew f'Settembru 2026.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Inizjattiva 'Zokkor fuq iz-Zuntier' (K/16)**

2.7.2. L-inizjattiva msemmija li l-għan tagħha huwa mmirat biex tinħoloq aktar kuxjenza dwar id-Dijabete u l-Hypertension, ser issir nhar il-Ħadd, 2 ta' Awwissu 2026 bejn id-9.00am u nofsinhar f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Żjara minn Delegazzjoni u Grupp ta' Studenti minn Comune di Cavriglia (K/1/5/4 Vol IV)**

2.8.2. Is-Sindku G. Micallef fl-assenza tal-Kunsillier E. Bartolo ħa din l-opportunità sabiex jirringrazzja lill-membri tal-istaff kif ukoll lill-membri tal-Kunsill li għamlu ż-żjara tad-delegazzjoni uffiċjali u tal-istudenti Taljani suċċess.

2.8.3. Huwa qal li mill-kummenti pożittivi li huwa rċieva min-naħa tagħhom, jidher li lkoll ħadu gost b'dak kollu li l-Kunsill ħejja għalihom waqt din iż-żjara.

2.8.4. Huwa xtaq jirringrazzja partikularment lill-Kunsillier E. Bartolo u lill-Uffiċjal Klerikali Ms Petra Caruana li flimkien ippreparaw u kkordinaw il-programm ta' din iż-żjara.

2.8.5. Dwar iż-żjara li delegazzjoni tal-Kunsill ser tagħmel flimkien mal-kor tal-Għaqda Mużikali Imperial f'Cavriglia bejn is-17 u t-22 ta' Settembru 2026, kien hemm qbil li d-delegazzjoni uffiċjali tkun komposta mill-Kunsilliera K. Buttigieg, L. Darmanin u J. Cauchi u kemm-il darba l-Kunsillier K. Buttigieg ma jkunx jista' jattendi jmur minfloku membru tal-istaff.

2.8.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)**

3.1.2. Dwar il-proġett imsemmi, is-Sindku G. Micallef qal li fil-21 ta' Lulju 2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand Project Green li fiha talbu li ssir it-tieni varjazzjoni tal-kuntratt (MLH002 Var 2), wara talba li saret mill-kuntrattur Derek Garden Centre.

3.1.3. Fil-fatt, is-Sindku qal li l-kuntrattur din id-darba qed jitlob li ssir il-'Financial Modification Request'li tidher hawn taħt kif ukoll talab li l-kuntratt jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra:

| VARIATION No. 02 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ITEM No. | Description | Qty | Unit | Rate | Total (Excl. VAT) |
| 1. | Hire of certified high-reach cherry picker (incl. operator) | 1 | Day | €250 | €250 |
| | Lifting equipment, rigging gear and accessories | 1 | No. | €900 | €900 |
| | Skilled labour team (3 operatives) | 1 | Day | €900 | €900 |
| | Loading, transport and carting away | 1 | No. | €250 | €250 |
| | Health & Safety measures, PPE, barriers and signage | 1 | No. | €250 | €250 |
| | Traffic management and pedestrian protection | 1 | No. | €250 | €250 |
| | Final site clean-up and reinstatement | 1 | No. | €100 | €100 |
| | | | | | |
| | | | | TOTAL SUM (Excl. VAT) | €2,900.00 |

3.1.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-ġustifikazzjoni wara din it-talba kienet li fil-qatgħa fejn qed isir ix-xogħol, kien hemm arbli b'servizzi tal-Melita plc kif ukoll instab cable tal-Korporazzjoni Enemalta li kellhom jiġu ri-allokati għal barra mill-qatgħa fejn qed jinbena l-ġnien propost. Dan ikkawża dewmien fix-xogħlijiet u spejjeż addizzjonali li ma kinux koperti fil-kuntratt. Għal dan il-għan, il-kuntrattur qed jitlob estensjoni ta' sitt ġimgħat pero' Project Green aċċettaw biss ġimgħatejn u l-Financial Modificiation imsemmija.

3.1.5. Fid-dawl li l-ġustifikazzjoni mogħtija kemm fir-rigward tal-Financial Modification u l-estensjoni taż-żmien ta' ġimgħatejn hija ġustifikabbli, is-Sindku qal li kemm-il darba l-Kunsill jaqbel, tingħata l-approvazzjoni meħtieġa.

3.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li japprova din il-varjazzjoni.

**3.2.1. Installazzjoni ta' Cameras tas-Sigurtà (C/9)**

3.2.2. Dwar iż-żewġ cctv cameras li ser jitwaħħlu f'Santa Maria Estate, is-Sindku għarraf li kif għarraf fis-seduta preċedenti:

(i) Is-cctv camera fejn De La Salle Retreat Centre ser titwaħħal fuq arblu eżistenti; filwaqt li
(ii) Għas-cctv camera fil-bidu ta' Triq Għajn Żejtuna, twaħħal l-arblu li fuqu ser teħel il-camera.

3.2.3. Dwar is-CV Cameras fil-Manikata, is-Sindku qal li l-kuntrattur lesta l-installazzjoni tal-cameras u bagħat invoice li għandha tiġi ċċertifikata mill-Inġinier responsabbli.

3.2.4. Dwar is-cctv cameras fl-entraturi tal-Mellieħa, is-Sindku għarraf li l-kuntrattur Alberta Fire & Security Equipment Ltd lesta wkoll l-installazzjoni tal-erba' cameras u huma funzjonabbli.

3.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.1 Il-Librerija Pubblika tal-Mellieħa (L/4/Vol IV)**

3.3.2. Dwar il-librerija pubblika, is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-26 ta' Ġunju 2026 huwa bagħat imejl lill-Onor. Byron Camilleri – Ministru għall-Eduzzjoni u l-Isport fejn talab li l-Kunsill jingħata pre-fabricated classroom kif kien ġie mwiegħed mill-Ministru ta' qabel, sabiex ikun possibbli li ssir riallokazzjoni tal-librerija pubblika sakemm tinbena l-iskola primarja mill-ġdid. Huwa qal li imejls oħra bħala tfakkira ntbagħtu fl-20 u fit-28 ta' Lulju 2026. Sfortunatament s'issa, huwa qal li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda komunikazzjoni dwar din it-talba. Huwa għarraf ukoll li fl-14 ta' Lulju 2026 saret anke Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

3.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jinsab inkwetat u mħasseb dwar il-librerija pubblika u jibża' li sfortunatament il-Kunsill mhu ħa jasal imkien jekk mhux ħa joħroġ bi proposta l-Kunsill stess. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa qed jipproponi li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jixtri pre-fabricated classroom, li tista' tiġi ffinanzjata mid-Development Planning Fund. Il-ħsieb, qal is-Sur J. Buttigieg huwa li l-Kunsill jixtri hu stess il-pre-fabricated classroom u tintuża għar-riallokazzjoni tal-librerija pubblika sakemm din terġa' ssib postha fl-iskola 'l ġdida u wara tintuża bħala store tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li l-Awtorità tal-Ippjanar m'għandhiex isib oġġezzjoni li l-Kunsill juża l-fondi tad-DPF għal dan il-għan. Dwar il-post fejn il-pre fabricated classroom ser titpoġġa wara li ma tibqax tintuża bħala librerija pubblika, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob permess biex din titpoġġa f'Tat-Tomna – jew fil-parti tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jew fil-parti fejn hemm il-Cleansing and Maintenance Division. Is-Sur J. Buttigieg qal li anke hawnhekk huwiex mhuwiex jara diffikultajiet biex jintlaħaq kompromess peress li dawn iż-żewġ dipartimenti jaqgħu taħt l-istess Ministeru – il-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi li jinkorpora wkoll is-CMD. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa mhux jistenna li l-Kunsill jieħu deċiżjoni l-lejla imma forsi wieħed jaħseb fuq din il-proposta.

3.3.3. Is-Sindku G. Micallef qal li għalkemm il-proposta tal-Kunsillier J. Buttigieg hija waħda valida u jaqbel li l-Kunsill għandu jibda jesplora din il-possibiltà, iħoss li huwa nġust li l-Kunsill ikollu jerfa' din ir-responsabbiltà.

3.3.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li jekk kif ġie ikkonfermat li l-Kunsill għandu bżonn li jkollu store, il-Kunsill ikun jaqbillu aktar finanzjarjament li jixtri pre fabricated classrom minflok garaxx.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jibda jesplora din il-possibiltà.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2025 u r-Risposta tal-Kunsill;
- Agenda tal-Board Meeting tal-Majjistral Nature and History Park tat-23 ta' Lulju 2026;
- Minuti tal-Board Meeting tal-Majjistral Nature and History Park tad-9 ta' Frar 2026;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 28/07/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 21/06/2026 – 28/07/2026;
- Skeda ta' Petty Cash – 25/05/2026 – 10/07/2026;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Attività Sportiva bil-kollaborazzjoni tal-Malta Football Association (S/4/2 Vol V)

5.1.2. Dwar l-attività msemmija, is-Sindku G. Micallef qal li minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex din l-attività sportiva tiġi parti mill-Iljieli Melleħin ta' din is-sena, huwa ssuġġerixxa li din tiġi posposta għal aktar tard matul is-sena. Dan biex ikun hemm żmien biżżejjed biex issir il-kordinazzjoni meħtieġa.

5.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.2.2. Dwar il-proġett ta' lampi ġodda fit-toroq imsemmija, is-Sindku G. Micallef qal li tlestew ix-xogħlijiet fi Triq Edward Camilleri, Triq il-Padrun u Triq il-Peprin u twaħħlu l-lampi l-ġodda. Dwar Triq il-Peprin, huwa qal li ma kienx hemm il-ħtieġa li tinqala' l-bankina biex isiru x-xogħlijiet neċessarji, peress li kien hemm service culvert eżistenti li ntuża għal dan il-għan. Huwa qal li l-pass li jmiss huwa li l-Kunsill jissottometti l-STL Applications lill-Korporazzjoni Enemalta biex dawn il-lampi jinxtegħlu.

5.2.3. Dwar il-proġett ta' lampi ġodda fi Triq il-Kbira, is-Sindku qal li l-Perit inkarigat għad irid jipprepara block plan skont ir-rekwiżiti li talbu Transport Malta.

5.2.4. Dwar Triq il-Kbira, il-Kunsillier John Buttigieg staqsa jekk peress li l-bankina hija wiesgħa, hemmx il-ħtieġa li din tinqala' kollha biex isiru dawn ix-xogħlijiet. Huwa ssuġġerixxa li possibbilment tinqala' biss il-parti meħtieġa. Dwar dan is-suġġeriment, intlaħaq qbil li l-Kunsill jiċċara dan il-punt ma' Transport Malta.

5.2.5. Il-Viċi Sindku Matthew Borg Cuschieri xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex jirrimarka li l-bozoz tat-tip LED li nbiddlu mill-Korporazzjoni Enemalta bħala parti mill-proġett tagħha 'Retrofitting' jagħtu wisq dawl u f'ċertu ċirkustanzi qed joħolqu inkonvenjenza lir-residenti. Huwa qal li l-Kunsill għandu jiċċekkja mal-kuntrattur responsabbli jekk hemmx xi soluzzjoni alternattiva f'każijiet fejn id-dawl ikun qed jirrifletti ġor-residenzi u joħloq inkonvenjenza.

5.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Sessjonijiet ta' Fitness u Pilates (E/3/1/11)

5.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill qed jirċievi talbiet minn diversi instructors li jixtiequ joffru sessjonijiet ta' Fitness u Pilates għall-benefiċċju tar-residenti tal-lokalità.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li joffri l-faċilitajiet tas-sala Joseph Borg.

### 5.4.1 Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol VI)

5.4.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri tkellem dwar l-inkonvenjenza li jikkawża l-iskart meta jiġi mgeddes.

5.4.3. Is-Sindku qal li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart jistipula li jista' jsir tgeddis sakemm dan jinġabar fi żmien ħmistax-il minuta.

5.4.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-problema tinqala' meta l-iskart idum ma jinġabar u meta l-gzuz ikunu qed jostakolaw l-aċċessi ta' garaxxijiet, eċċ.

5.4.5. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana ngħata l-permess biex jibda joħroġ il-multi lill-kuntrattur fejn ikun hemm il-ħtieġa.

5.4.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1 Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.5.2. Dwar il-proġett tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar, is-Sindku G. Micallef għarraf li lbieraħ it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2026 sar onsite meeting li għalih attendew flimkien miegħu l-Perit Joseph Attar, il-kuntrattur North 2 South Ltd, is-sub contractor li huwa l-istess kuntrattur li ħadem il-pavimentar kollu meta sar il-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa, is-Sur Andrew Farrugia li għandu residenza f'dan it-taraġ u s-Sur John Grima f'isem Square Bistro Bar.

5.5.3. Is-Sindku għarraf li l-pjan huwa li sal-Festa tal-Vitorja x-xogħlijiet jitlestew kollha fil-parti bejn Misraħ il-Parroċċa u l-pjazzetta quddiem l-Uffiċċju Parrokkjali. Mill-1 ta' Ottubru 2026, titkompla l-parti minn fejn ix-xelters sa Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Fuq din il-parti tal-proġett, is-Sindku qal li l-kuntrattur għad m'għandux informazzjoni jekk il-Korporazzjoni Enemalta hux ser tkun qed tinkorpora ma' dan il-proġett, il-bini ta' sub station ġdida.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (F/1/7 Vol XIII) (R/2/Vol III)

5.6.2. Is-Sindku għarraf li dwar ix-xogħol ta' restawr tat-tieni sett ta' skulturi 'Labyrinth City Monument' maġenb il-Knisja tal-Manikata, qed jiġi mħejji Works Method Statement li appena jitlesta jrid jiġi approvat minn K.P.K.K. qabel ma jkunu jistgħu jitkomplew ix-xogħlijiet.

5.6.3. Huwa għamel referenza wkoll għall-iskema ta' finanzjament mnedija mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali bir-referenza SPI.SCI. 5.2025 – Komunitajiet aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità, fejn ikkonferma li l-Kunsill ipparteċipa f'din l-iskema billi ssottometta applikazzjoni biex possibiliment jikseb fondi għall-proġett tat-turġien Triq l-Isqof Pace u Triq Gorg Borg Olivier.

5.6.4. Huwa rrefera wkoll għall-iskema ta' finanzjament SPI.SCI.4.2026 - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, fejn il-Kunsill issottometta applikazzjoni sabiex issir manutenzjoni tal-parapett f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

5.6.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.7.1 Ramla Bay Regatta 2026 (S/4/2 Vol V)

5.7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 3 ta' Lulju 2026 minn Royal Malta Yacht Club dwar l-organizazzjoni ta' Ramla Bay Regatta bejn id-19 u l-21 ta' Settembru 2026. Huwa qal li l-Kunsill intalab jagħti n-no objection għal dan l-avveniment.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Kompetizzjoni tat-Tajr (A/5/3/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġeriet li ssir kompetizzjoni tat-tajr anke jekk din l-inizjattiva tkun abbinata ma' inizjattiva oħra.

5.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-passat din il-kompetizzjoni kienet issir f'Jum l-Ambjent fl-inħawi tat-Torri l-Aħmar.

5.8.4. Is-Sindku G. Micallef qal li din l-inizjattiva l-Kunsill jista' jabbinaha mal-Festa tal-Qara' jew f'Jum it-Tfal.

5.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.9.1. PA 00818/26 (PA 02731/24) - |Żvilupp Agri-Turistiku fl-Inħawi Tat-Tomna (P/5/8/T)

5.9.2. B'referenza għall-applikazzjoni tal-iżvilupp imsemmija, is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill permezz tal-Perit Carmel Cacopardo ġie nfurmat li saret reviżjoni ta' xi drawings. Min-naħa tiegħu nforma lill-Perit li kemm-il darba l-bażi tal-applikazzjoni għadha l-istess, il-Kunsill jerġa' jtenni l-posiżżjoni u r-rakkomandazzjoni tiegħu.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa ppjanati li jerġgħu jibdew f'Novembru 2026, is-Sindku għarraf li l-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-komunità kummerċjali bil-għan li ikun hemm żmien biżżejjed biex wieħed ikun mgħarraf dwar kif ser ikunu mqassma x-xogħlijiet partikularment peress li issa x-xogħlijiet ser isiru fi Triq Gorg Borg Olivier fejn l-aktar hemm konċentrazzjoni ta' stabbilimenti kummerċjali.

5.10.3. Is-Sindku G. Micallef qal li s-Sur Paul Zahra f'isem il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kkonferma li appena jiġi konkluż il-pjan kif ser isiru x-xogħlijiet, tkun tista' ssir din il-laqgħa. Huwa ttamat li l-laqgħa ssir sal-aħħar ta' Awwissu 2026.

.

5.10.4. Il-Kunsilliera C. Castillo ssuġġerit li meta jerġgħu jibdew ix-xogħlijiet f'Novembru li ġej u terġa tibda tintuża l-Bus Stop fi Triq Edward Camilleri, ikun ideali li l-Kunsill iwaħħal tabelli li jindikaw id-direzzjoni ta' postijiet importanti, għall-benefiċċju partikularment tat-turisti li jkunu l-Mellieħa għall-btajjel tagħhom.

5.10.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li minn kummenti li rċieva mingħand sidien ta' stabbilimenti kummerċjali, il-fatt li t-trasport pubbliku ma jgħaddix mit-toroq prinċipali, il-ħwienet innutaw li l-kumerċ jonqos minn meta t-trasport pubbliku jgħaddi mit-toroq prinċipali.

5.10.6. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li meta t-trasport pubbliku beda jgħaddi mill-bypass, l-attività fit-toroq prinċipali kienet kwieta għall-aħħar.

5.10.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li għalhekk il-proposta tal-Bus Interchange f'Selmun hija waħda tajba għaliex għalkemm ċertu rotot tat-trasport pubbliku ser jgħaddu mill-bypass, ir-rotot prinċipali xorta waħda ser jibqgħu jgħaddu mit-toroq prinċipali. Huwa qal ukoll li l-parking propost fl-iskola 'l ġdida wkoll ser jgħin biex sewwieqa jevitaw li jipparkjaw fi Triq Gorg Borg Olivier.

5.10.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li s-soluzzjoni tista' tkun sistema ta' traffic lights li jaħdmu bl-AI (Intelliġenza Artifiċjali) kif kien diġa' ppropona. Sistema li twaqqaf il-karozzi tal-linja milli jipproċedu sakemm karozzi oħra tal-linja jitilgħu jew jinżlu minn Triq Gorg Borg Olivier.

5.10.9. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-konġestjoni tat-traffiku partikularment bejn id-9.00am u l-11.30am, ma joħolquhiex il-karozzi tal-linja biss, iżda anke trakkijiet kbar tad-delivery kif ukoll coaches li jgħaddu biex jiġbru n-nies mil-lukandi.

5.10.10. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-fatt li l-Kunsill għandu appell għaddej dwar il-proposta ta' Bus Interchange f'Selmun, u wieħed għandu jistenna l-eżitu tiegħu.

5.10.11. Dwar il-Bus Stop 'Ruman' u n-nuqqas ta' sigurtà li kien hemm għal min kien jużah, is-Sindku qal li Transport Malta qed tikkunsidra pożittivament il-proposta tal-Kunsill li jkun hemm bus stop temporanju mad-dawra tar-roundabout fid-daħla tal-Mellieħa.

5.10.12. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tieħu din l-opportunità biex possibbilment il-Kunsill jerġa' jibgħat tfakkira lil Transport Malta dwar il-ħruġ u d-dħul għall-Mistra minħabba l-periklu li hemm.

5.10.13. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Dwar il-proġett 'Different Stories, One Community - Voice of Mellieħa through Youth-Led Intercultural Connections', il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-ewwel attività saret nhar it-Tnejn 29 ta' Ġunju 2026 fis-sala Joseph Borg u kienet suċċess. Huwa qal li din l-attività kienet ċelebrazzjoni ta' kulturi differenti fejn madwar mejda ltaqgħu persuni ta' nazzjonalitajiet differenti flimkien ma' numru ta' anzjani li apprezzaw ferm din l-inizjattiva. Is-Sur J. Cauchi qal li waqt l-attività saret spezzjoni minn rappreżentanti tal-EUPA li għalkemm apprezzaw il-ħidma partikularment tal-Youth Leader Ms Stefanie Vella, saħqu li jrid ikun hemm iktar il-preżenza taż-żgħażagħ u li jkunu ż-żgħażagħ nfushom li jieħdu l-inizjattivi tal-oranizazzjoni tal-attivitajiet. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill jista' jkun ippenalizzat.

5.11.3. Is-Sur J. Cauchi qal li l-Kunsill ħa nota tas-suġġerimenti li saru mill-EUPA u flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qed isiru diversi tentattivi sabiex possibilment sa nofs Awwissu 2026, jifforma kumitat magħmul kollu kemm hu miż-żgħażagħ bil-għan li dan il-kumitat jibda jiltaqa' u jibda jippjana l-attivitajiet li fadal li jridu jsiru. It-tieni attività fil-fatt ser tkun tikkonsisti f'Movie Screening/Workshop u diġa' bdew il-preparamenti meħtieġa. It-tema ser tkun 'L-Inklużjoni'. Intqal li ż-żgħażagħ iridu jkunu l-pijunieri ta' dan il-proġett u għal dan il-għan talab lill-membri preżenti sabiex jekk ikunu jafu b'żgħażagħ li huma interessati, iħeġġuhom japplikaw.

5.11.4. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf ukoll li saret emenda fid-data ta' meta beda l-proġett u d-data l-ġdida hija Mejju 2026. Dan ifisser li l-proġett għandu jiġi fi tmiemu f'Marzu 2027.

5.11.5. Is-Sur J. Cauchi xtaq jieħu din l-okkażjoni wkoll biex jgħarraf li l-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fis-'Solidarity Projects Annual Celebration Event' li l-EUPA qed torganizza fis-7 ta' Awwissu 2026. Huwa qal li peress li din l-attività ser taħbat mal-Lejla Selmunija, huwa talab li jiġi skużat.

5.11.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. It-Tletin Sena Anniversarju mill-Iffirmar ta' Ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Adenau (K/1/5/Vol V)

5.12.2. Dwar l-istedina li s-Sindku ta' Adenau għamel lill-Kunsill biex jiġi kkommemorat l-anniversarju msemmi, is-Sindku qal li l-Kunsill għad irid jiddeċiedi minn min ser tkun komposta d-delegazzjoni li ser titla' Adenau f'Ottubru li ġej biex il-Kunsill ikun jista' jikkonferma d-dettalji mal-Kunsill t'Adenau.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.13.1. Ingaġġ ta' Clerical Officer fi Skala 15 (P/7/1/Vol XVII)

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef fakkar li l-ewwel sejħa pubblika għall-Clerical Officer fi Skala 15 għalqet nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju 2026. Il-Kunsill irċieva tnax-il applikazzjoni u għarraf li l-Bord tal-Intervisti ser ikun qed jiltaqa' dalwaqt sabiex isiru l-intervisti lil dawn il-kandidati.

5.13.3. Sadanittant, il-Kunsill ingħata l-permess neċessarju biex joħroġ it-tieni sejħa fost il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali biex jiġi ngaġġat it-tieni Clerical Officer fi Skala 15, madanakollu l-Kunsill ma rċieva l-ebda applikazzjoni. Għal dan il-għan, il-Kunsill ingħata l-permess biex joħroġ sejħa pubblika.

5.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.14.1. Laqgħa ma' Selmun Sports Club (G/1)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 12 ta' Lulju 2026, mingħand Selmun Sports Club li talbu li l-Kunsill jaġġornahom primarjament fuq dawn il-punti:

- Resurfacing of the multi-purpose court.
- Installation of a new, suitable perimeter fence.
- Improved security and controlled access to the court.
- Refurbishment of the rooms beneath the multi-purpose court.
- Allocation of court's time slots with the netball team and any other third-party users.
- Renewal of the three-year agreement between Selmun Sports Club and the Mellieħa Local Council.

5.14.3. Għal dan il-għan, ġiet iffissata laqgħa għal għada l-Ħamis, 30 ta' Lulju 2026 fil-5.30pm.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.15.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin qalet li l-laqgħa fuq is-sit ma' Delta Projects saret nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2026 kif ippjanat. Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll il-Kunsillier E. Bartolo, il-Perit M. Casha flimkien mal-Project Manager u d-Direttur ta' Delta Projects Ltd.

5.15.3. Madanakollu, hija qalet li hekk kif appena waslu fuq il-post, indunaw li t-trejqa li fuqha kien ser isir l-intervent, kien diġa' sarilha intervent u ġiet mogħtija l-konkos.

5.15.4. Minn sorsi li nzertaw kienu fuq il-post, il-Kunsill ġie mgħarraf li riċentement il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet għamlet xogħol f'din it-trejqa fejn inbidel il-main tad-drenaġġ u wara l-wiċċ tat-triq ġie miksi bil-konkos.

5.15.5. Kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni li l-Kunsill jinforma b'mod immedjat lill-Managing Authority u lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali b'dawn l-iżviluppi, u qed jistenna gwida min-naħa tagħhom dwar kif il-Kunsill għandu jipproċedu f'ċirkustanzi bħal dawn.

5.15.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Sejħiet għall-Offerti (K/6)**

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li :

(i) Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 04/2026 – Manikata Parish Church Architectural Lighting, l-Inġinier ipprepara r-rapport tekniku li jista' jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat t'Evalwazzjoni;
(ii) Fis-6 ta' Lulju 2026 għalqet is-Sejħa għall-Offerti għall-Ġbir ta' Skart Goff u kien hemm ħames sottomissjonijiet;
(iii) Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 06/2026, dwar ix-Xiri ta' Electric Van li għalqet fil-21 ta' Mejju 2026, huwa qal li l-Procurement Section fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali nnutat il-ġustifikazzjonijiet tal-Kunsill u tat il-parir tagħha li l-Kunsill jitlob permess għal Direct Order;
(iv) Is-Sejħa għall-Offerti 'Design, Layout and Printing of the Council Newsletter and Book Binding' għalqet fis-27 ta' Lulju 2026 u kien hemm sottomissjoni waħda;
(v) Ġiet ippubblika wkoll is-Sejħa għall-Offerti dwar il-'Christmas Lights Decorations' li tagħlaq fis-6 ta' Awwissu 2026;
(vi) Sadanittant qed isir drafting tas-sejħiet għall-offerti dwar it-Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq Gorg Borg Olivier, it-Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq l-Isqof Pace, il-'Construction of Bus Shelters Bases' u l-Installazzjoni ta' Fanali Ornamentali fit-Toroq fil-Qalba tar-Raħal.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Laqgħa dwar l-Arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp u l-Festa tal-Vitorja (F/2 Vol VIII)**

5.17.2. Dwar il-laqgħa marbuta mal-arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja, is-Sindku għarraf li l-laqgħa dwar l-arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja ser issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Awwissu 2026 fil-5.30pm.

5.17.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex jissuġġerixxi, li l-Kunsill din is-sena jerġa' jippromwovi l-użu tat-tazzi tax-xorb reusable matul il-jiem tal-festa. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jintroduċi xi tip ta' dispenser tal-ilma għal żmien il-festa. Madanakollu, il-Kunsilliera C. Castillo qalet li jista' jkun, li l-istabbilimenti kummerċjali jilmentaw għax din l-inizjattiva ittellef mill-bejgħ tagħhom.

5.17.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri semma wkoll l-automatic bollards ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u l-possibiltà li dawn jitneħħew u jsiru bollards bħalma hemm f'Misraħ il-Parroċċa.

5.17.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Il-Jum Dinji tal-Kant (World Singing Day) (A/5/3/Vol XVI)**

5.18.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li fis-17 t'Ottubru 2026 jiġi ċċelebrat il-Jum Dinji tal-Kant u għaldaqstant xtaq jissuġġerixxi li din l-inizjattiva tiġi abbinata flimkien mal-Jum iddedikat għas-Saħħa Mentali peress li dan jiġi ċċelebrat f'Ottubru wkoll. Huwa qal li din l-inizjattiva tista' ssir bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet lokali fejn ir-residenti jingħaqdu flimkien permezz tal-kant.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Xquq Perikolużi fl-Irdumijiet u fiż-Żoni Kostali (X/1/1)**

5.19.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Perit Lino Micallef li offra li huwa flimkien mat-tim tiegħu jagħmlu studju dwar xquq perikolużi fl-irdumijiet u fiż-żoni kostali tal-Mellieħa u l-inħawi.

5.19.3. Is-Sindku G. Micallef qal li s'issa kull meta l-Kunsill ġie mgħarraf b'xi periklu ta' dan it-tip, kien qed jagħmel rapport mad-Dipartiment tal-Pulizija li min-naħa tagħhom jiftħu rapport dwar 'Dangerous Structure' u immedjatament ikunu nfurmati bil-każ primarjament Perit tal-Gvern li jmur fuq il-post u jagħmel rapport dettaljat fuq il-każ u l-entitajiet kollha konċernati.

5.19.4. Madanakollu, il-Kunsill qabel li l-Perit Lino Micallef jibgħat email lill-Kunsill bil-ħsieb tiegħu sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwah.

5.19.5. Fuq nota oħra, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li hemm struttura li qed tiġġarraf fl-inħawi tal-Qortin madanakollu, is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien diġa' għamel rapport fuqha lill-awtoritajiet konċernati.

5.19.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-Mellieħa (W/2/Vol IV)**

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tkun qed tagħmel xogħol t'emerġenza permezz tal-Permess RWP1-0947-26 fi Triq l-Għorgħar, Triq it-Tgħam, Triq San Mikiel u parti minn Triq il-Fortizza.

5.20.3. Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet jikkonsistu fi tqegħid u l-konnessjoni ta' mains ġodda tal-ilma u l-Kunsill talab li jingħata akar informazzjoni sabiex ikun jista' jinforma lir-residenti. Ix-xogħlijiet huma ppjanati li jdumu madwar tmien ġimgħat iżda l-aċċess ta' garaxxijiet li jinsabu f'dawn fl-inħawi ser jibqa'.

5.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.21.1. Murali f'Turġien Pubbliċi (A/5/3/Vol XVI)**

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa ġie avviċinat minn resident li lest li joħloq murali f'turġien u ħitan pubbliċi bħall-ħajt li hemm fi Triq il-Kappillan Magri kif titla' t-taraġ fil-parti fejn tagħlaq, il-ħajt tad-dawra ta' Ġnien iż-Żerniq u t-taraġ tal-playing field ta' Triq l-Erwieħ.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li ssir konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill dwar jekk hemmx bżonn xi tip ta' permessi għall-inizjattivi simili u x'materjal l-aħjar li jintuża sabiex iż-żebgħa ddum kemm jista' jkun kif ukoll li l-Kunsill ikun infurmat x'disinni ser isiru.

**5.22.1. Żjara l-Vatikan (A/2 Vol XII)**

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet f'diskussjonijiet mal-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Frank Zammit, Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede, dwar il-possibbiltà li tiġi organizzata udjenza mas-Santità Tiegħu l-Papa Iljun XIV għall-grupp ta' Sindki Maltin fil-Belt tal-Vatikan. Jidher li din l-inizjattiva ntlaqgħet b'mod pożittiv u ż-żjara se ssir bejn l-20 u t-22 ta' Ottubru 2026.

5.22.3. Is-Sindku qal li huwa qed jikkunsidra li jmur u xtaq li l-Kunsill ikun infurmat, peress li hemm l-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni, inklużi l-biljetti tal-ajru, l-akkomodazzjoni u kwalunkwe Daily Subsistence Allowance (DSA), li jridu jitħallsu mill-Kunsill Lokali.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Filming tal-Film "De Bevers: Alles Voor De Fans!" fil-Mellieħa (A/6/3 Vol X)

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva talba mingħand Do Productions u Gates Pictures sabiex jingħataw il-permessi neċessarji biex isir filming fil-Mellieħa fil-15 u fid-19 ta' Settembru 2026.

5.23.3. Huwa qal li fil-15 ta' Settembru 2026, il-filming ser isir fi Triq Tal-Prajjiet, fi Triq Tad-Dahar u fi Triq l-Armier filwaqt li fis-17 ta' Settembru 2026, il-filming ser isir bejn id-9.00am u s-2.00pm fil-qalba tar-raħal fosthom fi Triq Ġnien Ingraw, Triq il-Mitħna l-Ġdida u Misraħ il-Parroċċa.

5.23.4. Wara komunikazzjoni mas-Sur Slavko Vukanovic – il-persuna responsabbli mil-loġistika, ġie kkonfermat li għalkemm fil-qalba tar-raħal ser isir filming ta' xena ta' 'car chase', il-vetturi ser ikunu qed isuqu bit-30km, imbagħad bl-effetti jagħmluha tidher aktar mgħaġġla. Huwa qal li aċċess għar-residenti ħa jibqa', ser ikun hemm is-sorveljanza mill-Pulizija, ser isir kuntatt mal-istabbilimenti tal-pjazza anke mar-residenti biex ikunu nfurmati.

5.23.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Stqarrijiet maħruġa mill-Kunsill (M/3 Vol III)

5.24.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jagħmel osservazzjoni dwar l-istqarrijiet li joħroġ il-Kunsill minn żmien għal żmien.

5.24.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li qabel ma stqarrija tiġi ppubblika, din għandha tintbagħat lill-membri tal-Kunsill sabiex jarawha. Huwa qal li l-aħħar stqarrija li ħarġet kienet dwar il-librerija pubblika, u huwa personalment nduna biha għax fetaħ il-Facebook u raha. Huwa qal li jkun xieraq u prudenti, li l-membri tal-Kunsill ikunu nfurmati minn qabel. Huwa rrefera għall-kodiċi tal-etika fejn hemm stipulat dan li qiegħed jgħid. Huwa żied jgħid li jista' jagħti l-każ li xi membru tal-Kunsill ikun irid ibiddel jew iżid xi frażi mill-istqarrija.

5.24.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-istqarrija dwar il-librerija pubblika saret a bażi ta' dak li kien ġa kien ġie diskuss fis-seduta tal-Kunsill. Madanakollu, huwa qal li din l-osservazzjoni ser tiġi rrispettata.

5.24.5 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.25.1. Jum il-Kunsill 2026 (A/5/3/1)

5.25.2. Dwar l-edizzjoni ta' din is-sena ta' Jum il-Kunsill, il-membri kollha tal-Kunsill qablu li kienet ċerimonja sabiħa fejn spikkat il-parteċipazzjoni tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Dr Myriam Spiteri Debono.

5.25.3. Il-membri tal-Kunsill xtaqu li jsir ringrazzjament lil dawk kollha li ħadmu sabiex din iċ-ċerimonja għal darb'oħra tkun waħda memorabbli.

5.25.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li rċeviet talba sabiex iċ-ċerimonja tas-sena d-dieħla tkun streamed live biex persuni li ma jkunux jistgħu jattendu jkunu jistgħu jsegwu ċ-ċerimonja online. Hija ssuġġerita ukoll li f'okkażjonijiet bħal dawn li jsiru fix-xhur sħan tas-sajf, il-Kunsill jista' jikkunsidra jqassam xi ilma lill-parteċipanti.

5.25.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. Twaqqif ta' Fencing fi Ġnien il-Qigħan (P/5/2)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi ma' Caremalta Ltd dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-parti ta' Ġnien il-Qigħan fejn ingħalqet b'fencing.

5.26.3. Is-Sindku G. Micallef qal li wara l-laqgħa li saret ma' Caremalta Ltd f'April li għadda, il-Kunsill kellu jagħmel proposta ta' kif il-Kunsill beħsiebu juża' din il-parti ta' Ġnien il-Qigħan. Is-Sindku qal li l-ġustifikazzjoni mogħtija mis-Sur Zaren Vassallo dwar il-għaliex din il-parti tal-ġnien ingħalqet għall-pubbliku kienet, minħabba negliġenzi min-naħa tal-Kunsill fejn tidħol manutenzjoni, il-ħsara li kienet qed tiġi kkawżati fis-swali li hemm taħtha u l-investiment li kellha tagħmel Caremalta Ltd sabiex sewwiet il-ħsara u l-post reġgħet ġabitu kif inhu llum. Huwa qal li madanakollu, Caremalta Ltd kienu lesti li din il-parti tal-ġnien tinfetaħ kull meta jkun hemm il-bżonn, u offrew anke li jkun hemm security a spejjeż tagħhom. Is-Sindku kompla billi qal li Caremalta Ltd qed tinsisti li din il-parti ma tkunx miftuħa għall-pubbliku 'l ħin kollu u mingħajr superviżjoni, għax hekk tkun qed tagħti lok għall-vandaliżmu.

5.26.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li ssir laqgħa apparti bejn il-membri tal-Kunsill anke possibilment fuq il-post biex jiġu diskussi ideat u ħsibijiet.

5.26.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.27.1. Tindif tal-Għajn tal-Mellieħa (K/6/3 Vol V)

5.27.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg tkellem dwar l-istat t'abbandun li tinsab fih l-Għajn tal-Mellieħa li huwa dnub peress li hija waħda mill-aħħar li fadal.

5.27.3. Is-Sindku G. Micallef qal li qed issir pressjoni fuq il-kuntrattur konċernat sabiex ix-xogħlijiet ta' tindif jibdew mill-aktar fis u huwa stess ser jassigura li dan iseħħ.

5.27.4. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tieħu din l-opportunità biex titlob li jsir tindif ukoll ta' Triq il-Kappella tal-Militar u t-toroq fiż-żona tal-Għoljiet tal-Mellieħa.

5.27.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.28.1. Xogħol ta' Restawr ta' Girna li tinsab fi Triq l-Armier (R/2)

5.28.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Ambjent Malta sabiex possibbilment il-girna li hemm fi Triq l-Armier kif taqbeż Triq Ta' Msid, tiġi rrestawrata u tiġi salvata milli tkompli tiġġarraf.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.29.1. Xogħlijiet ta' Manutenzjoni minn Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA) (T/12 Vol IV)

5.29.2. Dwar xogħlijiet ta' manutenzjoni minn TZRA fil-Mellieħa, is-Sindku għarraf li tlestew ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-belveder fi Triq Ġnien Ingraw u beda x-xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien l-Għoljiet.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.30.1. Lejla Selmunija 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.30.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kif kien diġa' ġie kkomunikat, il-Lejla Selmunija ser issir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu 2026.

5.30.3. Il-programm tas-serata ser ikun jikkonsisti kif ġej:
- Interventi mużikali minn Laetitia Trioisi De Menville fuq l-Arpa u l-vjolinista Stephen Scerri;
- Il-parti letterarja qed tiġi kkordinata mis-Sur Steve Cachia;
- żfin tradizzjonali Malti mill-Grupp Folkloristiku Cittadella; u
- Makkjetti u għana minn JoMike u Lydon.

5.30.4. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm numru ta' stalls armati, artisti lokali li ser ipingu tpinġijiet live dak il-ħin u stall tal-ikel u xorb mtella' mill-Grupp tal-Armar. Il-grupp Anakron ser jieħu ħsieb il-ftuħ u l-armar tal-irziezet u jekk jippermetti t-temp ser jinġiebu xi annimali mingħand is-Sur Michael Bartolo.

5.30.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.31.1. Laqgħa mal-LESA (W/3 Vol XII)

5.31.2. Dwar il-laqgħa bejn il-Kunsill u l-LESA, is-Sindku għarraf li l-Kunsill bagħat email lil LESA u qed jistenna li jiġu identifikati xi dati konvenjenti għaż-żewġ partijiet biex din il-laqgħa tkun tista' ssir.

5.31.3. Madankollu, is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara x'ħa jkunu dawk il-punti li ser jiġu diskussi biex titfassal aġenda u enfasizza li huwa bl-ebda mod mhu ser ixekkel il-ħidma tal-uffiċjali tal-LESA.

5.31.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li min-naħa tiegħu li jixtieq huwa li jkun infurmat bis-servizzi li l-LESA qed twettaq fil-lokalità tal-Mellieħa. Huwa qal li fost affarijiet oħra, jixtieq ikun jaf x'tip ta' ċitazzjonijiet qed jinħarġu jekk hux fuq parkeġġ illegali ta' vetturi biss jew inkella qed jinħarġu wkoll ċitazzjonijiet fuq rimi ta' skart illegali jew mhux skont l-iskeda nazzjonali. Huwa qal li fil-passat dan kien isir u jixtieq ikollu informazzjoni fuq il-funzjoni in ġenerali tal-LESA fil-lokalitajiet.

5.31.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.32.1. L-Iljieli Melleħin 2026 (A/5/3/5)

5.32.2. Dwar l-edizzjoni ta' din is-sena tal-Iljieli Melleħin, is-Sindku G. Micallef xtaq jirringrazzja lill-membri u l-istaff tal-Kunsill għax-xogħol kollu tagħhom. Huwa qal li sar ħafna xogħol minn qabel u apprezza l-kontribut u s-sapport ta' kulħadd. Fl-opinjoni tiegħu l-Iljieli Melleħin għal darb'oħra kienu suċċess u l-elementi kollha tal-lokalità li ġew ippreżentati ħarġu sabiħ.

5.32.3. Huwa xtaq jirringrazzja wkoll lill-għaqdiet lokali kollha kif ukoll lill-artisti, lill-persuni li armaw stalls lid-dilettanti tal-vetturi li ħadu sehem fil-wirja tal-vetturi u lil dawk kollu li pprovdew divertiment ta' kull tip għax dawn għenu biex min attenda kellu l-opportunità japprezza 'l ħafna talenti li l-lokalità hija mżewqa bihom.

5.32.4. Is-Sindku qal ukoll li l-ħasil tat-toroq li sar waqt l-Iljieli Melleħin sar wara li ntbagħtet talba lis-Sur Emil Vassallo u l-Kunsill għamel pressjoni biex it-toroq jinħaslu hekk kif hemm stipulat fl-MOU. Huwa xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jispjega li peress li d-Diviżjoni għall-Indafa u l-Manutenzjoni (CMD) għadha bla Direttur Ġenerali, wieħed irid jagħti ftit ċans sakemm l-affarijiet jerġgħu jiġu għan-normal.

5.32.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.33.1. Il-Kunċert Annwali tal-Festa mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6 Vol VII)

5.33.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 18 ta' Lulju 2026 mibgħut mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina, fejn il-Kunsill intalab jikkollabora fil-kunċert annwali li l-Għaqda torganizza fi żmien il-Festa tal-Vitorja.

5.33.3. Is-Sindku qal li huwa jissuġġerixxi li l-għajnuna tal-Kunsill għandha tkun bħal dik li ngħata lill-għaqdiedt mużikali u għaqdiet oħrajn jiġifieri li parti mill-għajnuna tingħata mill-fond allokat lill-Kunsill mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana u parti mill-fondi tal-Kunsil.

5.33.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li peress li din hija waħda mill-attivitajiet esterni ewlenin €2,500 jingħataw mill-fond tar-Reġjun u €500 jingħataw mill-fondi tal-Kunsill fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.34.1. L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2025 - mibgħuta mill-udituri tal-Kunsill (F/1/2/Vol IX)**

5.34.2. Għal din il-parti tas-seduta, attenda wkoll b'mod virtwali l-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea. Huwa irrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena Finanzjarja 2025, kif ukoll l-abbozz tat-tweġiba għaliha. Is-Sur D. Galea aċċenna li din is-sena ma kienx hemm Audit Adjustments. Huwa qal li l-punti kollha li tqajmu kienu ta' natura teknika u allura jittrattaw il-mod kif ċerti transazzjoni kellhom jiġu murija fil-kotba.

5.34.3. Is-Sur D. Galea qal li l-osservazzjonijiet li saru mill-udituri kienu osservazzjonijiet normali fil-fatt kien hemm affarijiet li jinkitbu kull sena. Saħansitra għadu jissemma' l-fatt li l-kotba tal-Kumitat Konġunt Tramuntana għadhom ma ngħalqux, iżda din il-materja l-Kunsill m'għandux kontroll fuqha.

5.34.4. Huwa qal ukoll li l-Kunsill huwa mitlub li jirrispondi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fi żmien sitt ġimgħat minn meta l-Ittra ta' Direzzjoni tintbagħat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

5.34.5. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba mressaq.

## 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri illi tgħid:

"Billi fl-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) għas-sena finanzjarja 2025, mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ġie osservat li hemm kontijiet li ntbagħtu diversi snin ilu u għadhom jidhru fuq il-kotba li huma:

**3.1 Overdue trade receivables**

The book of account includes the following overdue receivables for which no provision was made in the books of account:

| Debtor | € |
|---|---|
| Jake Borg | 351.80 |
| Go plc | 9.32 |
| | **361.12** |

The council should regularly review overdue receivables for recoverability and if so, chase these debtors by sending reminders for the long overdue amounts. If recoverability of these debtors remains doubtful, the council should also consider making a provision for doubtful debts in the books of account after obtaining council approval in a meeting.

Billi l-udituri nnutaw ukoll li hemm kont illi jammonta għal €13,207.74 li nħarġu lil WasteServ Malta Ltd liema ammonti baqgħu ma ġewx onorati;

Billi l-udituri kkummentaw li għadda żmien biżżejjed sabiex il-Kunsill jiddeċiedi x'jsir minnhom;

Fid-dawl tal-fatt li d-debitu dovut ma jidhirx li ser jitħallas, il-Kunsill jirriżolvi li ċ-ċifri msemmija jinqatgħu minn fuq il-kotba. (F/1/2)

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsilliera C. Castillo.

### 6.2.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku Gabriel Micallef, li tgħid:

"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f`xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;

Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin Preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fit-3 ta' Lulju 2026, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni, skond ir-rapport tal-istess Bord tat-8 ta' Lulju 2026, liema rapport ġie diskuss waqt is-laqgħa tal-Kunsill li ssejħet apposta fl-14 ta' Lulju 2026;

Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda", filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet;

Iżda billi l-kriterji jipprovdu wkoll li ex-Sindku u ex-Kunsillier li serva f'żewġ kunsilli huma eliġibbli għall-unur Ġieħ il-Mellieħa, kif ukoll li kunsillier li serva f'kunsill wieħed jikkwalifika għal "Rikonoxximent il-Mellieħa" li iżda din id-darba ma kienx hemm persuni li jikkwalifikaw;

Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali wieħed għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";

Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:

- Familja Aquilina – Volontarjat fi ħdan għaqda lokali;

filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":

- Is-Sur Josef Borg – Volontarjat fi ħdan għaqda mużikali;
- Is-Sur Anthony Cutajar – Volontarjat fil-qasam kulturali;
- Dr Saviour u Dr Salvina Borg – Kontribut indeskrivibbli fil-qasam mediku

Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa":

- Ms Tereża Vella –. Voluntiera fil-Parroċċa ta' San Ġużepp, il-Manikata

Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fil-laqgħa tal-14 ta' Lulju 2026, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tal-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026, fil-Bitħa tas-Santwarju". (A/5/3/1/Vol XVII)

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 28 ta' Lulju 2026.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn il-21 ta' Ġunju 2026 u t-28 ta' Lulju 2026.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri l-perjodu bejn il-25 ta' Mejju 2026 u l-10 ta' Lulju 2026.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fit-8.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu 2026 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Marica Gambin |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 28a

29 ta' Lulju 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 28 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 29 ta' Lulju 2026 fil-5.30pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, Emvin Bartolo u Loridana Darmanin li talbu li jiġu skużati.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

Il-Kunsillier J. Cauchi talab li s-silta numru 5.1.5. tal-minuti tas-Seduta Numru 26 tinqara kif ġej:

*5.1.5. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li huwa għamel kuntatt mal-Mellieħa Sports Club li aċċettaw li jikkollaboraw* ***f'waħda mill-attivitajiet****, iżda talba li jkunu nfurmati x'ser ikun l-involviment tagħhom.*

Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jiċċara li b'rabta mas-silta numru 2.8.5. tal-istess minuti, huwa mhux ser ikun jista' jakkumpanja lid-delegazzjoni tal-Kunsill għaż-żjara f'Cavriglia peress li ser ikun imsiefer.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 26 li saret fil-25 ta' Ġunju 2026 u tas-Seduta Nru. 27 li ssejġet b'urġenza, ġew approvati.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.1.2. Il-ħarġa kulturali ippjanata għax-xahar ta' Ġunju għall-gżira Għawdxija ma saritx peress li kien hemm attivitajiet u inizjattivi oħra għaddejjin. Il-ħarġiet kulturali jerġgħu jibdew isiru wara li jgħaddi s-sajf.

2.1.3. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li avviċinawha minn MICAS dwar il-possibiltà li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar attivitajiet li jistgħu jsiru bejn MICAS u l-Kunsill.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.2.2. Il-Kunsill tat-Tfal ser jieqaf jiltaqa' matul ix-xhur tas-sajf. Ms Emilia Mercieca ser tkun il-persuna responsabbli mill-Kunsill tat-Tfal u t-tfal diġa' kellhom laqgħa magħha. Il-laqgħat jerġgħu jibdew f'Settembru 2026.

2.2.3. L-inizjattiva 'Star Gazing Event' possibbilment ser issir lejn l-aħħar ta' Awwissu 2026, bħalma saret is-sena l-oħra.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħtif mogħti.

**2.3.1. Sessjonijiet fuq it-Teknoloġija tal-Informatika (IT) fil-Komunità (K/16)**

2.3.2. Is-sitt sessjonijiet dwar it-Teknoloġija tal-Informattika offruti b'xejn mill-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA) lill-anzjani tal-lokalità. Dawn is-sessjonijiet kienu suċċess u ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-parteċipanti.

2.3.3. B'referenza wkoll għaċ-ċirkulari tal-AKL 049/26 dwar l-inizjattiva nazzjonali mnedija minn Malta Digital Innovation Agency (MDIA) dwar 'AI for All', il-Kunsill wera l-interess li dawn is-sessjonijiet isiru anke fl-uffiċċju tal-Kunsill għall-benefiċċju ta' dawk kollha interessati.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4) (V/1 Vol II)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità ser issir nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Awwissu 2023 fil-5.30pm.

2.4.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg talab li possibbilment il-Pulizija tal-Komunità jagħmlu patrolling fl-inħawi tal-Bajja tal-Armier iż-Żgħir peress li hemm numru ta' caravans ipparkjati fuq il-blat.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Inizjattiva 'Libreriji fl-Apert' (L/4 Vol IV)**

2.5.2. Dwar din l-inizjattiva, ġie issuġġerit li jsir kuntatt mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu sabiex possibiliment issir l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-'Librerija fl-Apert' li twaħħlet riċentement fil-playing field ta' Triq l-Erwieħ.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.6.2. Ser ikun hemm waqfa tas-sessjonijiet imsemmija waqt ix-xhur tas-sajf. Is-sessjonijiet tal-qari jerġgħu jibdew f'Settembru 2026.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Inizjattiva 'Zokkor fuq iz-Zuntier' (K/16)**

2.7.2. L-inizjattiva msemmija li l-għan tagħha huwa mmirat biex tinħoloq aktar kuxjenza dwar id-Dijabete u l-Hypertension, ser issir nhar il-Ħadd, 2 ta' Awwissu 2026 bejn id-9.00am u nofsinhar f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Żjara minn Delegazzjoni u Grupp ta' Studenti minn Comune di Cavriglia (K/1/5/4 Vol IV)

2.8.2. Is-Sindku G. Micallef fl-assenza tal-Kunsillier E. Bartolo ħa din l-opportunità sabiex jirringrazzja lill-membri tal-istaff kif ukoll lill-membri tal-Kunsill li għamlu ż-żjara tad-delegazzjoni uffiċjali u tal-istudenti Taljani suċċess.

2.8.3. Huwa qal li mill-kummenti pożittivi li huwa rċieva min-naħa tagħhom, jidher li lkoll ħadu gost b'dak kollu li l-Kunsill ħejja għalihom waqt din iż-żjara.

2.8.4. Huwa xtaq jirringrazzja partikularment lill-Kunsillier E. Bartolo u lill-Uffiċjal Klerikali Ms Petra Caruana li flimkien ippreparaw u kkordinaw il-programm ta' din iż-żjara.

2.8.5. Dwar iż-żjara li delegazzjoni tal-Kunsill ser tagħmel flimkien mal-kor tal-Għaqda Mużikali Imperial f'Cavriglia bejn is-17 u t-22 ta' Settembru 2026, kien hemm qbil li d-delegazzjoni uffiċjali tkun komposta mill-Kunsilliera K. Buttigieg, L. Darmanin u J. Cauchi u kemm-il darba l-Kunsillier K. Buttigieg ma jkunx jista' jattendi jmur minfloku membru tal-istaff.

2.8.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)

3.1.2. Dwar il-proġett imsemmi, is-Sindku G. Micallef qal li fil-21 ta' Lulju 2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand Project Green li fiha talbu li ssir it-tieni varjazzjoni tal-kuntratt (MLH002 Var 2), wara talba li saret mill-kuntrattur Derek Garden Centre.

3.1.3. Fil-fatt, is-Sindku qal li l-kuntrattur din id-darba qed jitlob li ssir il-'Financial Modification Request'li tidher hawn taħt kif ukoll talab li l-kuntratt jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra:

| VARIATION No. 02 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ITEM No. | Description | Qty | Unit | Rate | Total (Excl. VAT) |
| 1. | Hire of certified high-reach cherry picker (incl. operator) | 1 | Day | €250 | €250 |
| | Lifting equipment, rigging gear and accessories | 1 | No. | €900 | €900 |
| | Skilled labour team (3 operatives) | 1 | Day | €900 | €900 |
| | Loading, transport and carting away | 1 | No. | €250 | €250 |
| | Health & Safety measures, PPE, barriers and signage | 1 | No. | €250 | €250 |
| | Traffic management and pedestrian protection | 1 | No. | €250 | €250 |
| | Final site clean-up and reinstatement | 1 | No. | €100 | €100 |
| | | | | | |
| | | | | TOTAL SUM (Excl. VAT) | €2,900.00 |

3.1.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-ġustifikazzjoni wara din it-talba kienet li fil-qatgħa fejn qed isir ix-xogħol, kien hemm arbli b'servizzi tal-Melita plc kif ukoll instab cable tal-Korporazzjoni Enemalta li kellhom jiġu ri-allokati għal barra mill-qatgħa fejn qed jinbena l-ġnien propost. Dan ikkawża dewmien fix-xogħlijiet u spejjeż addizzjonali li ma kinux koperti fil-kuntratt. Għal dan il-għan, il-kuntrattur qed jitlob estensjoni ta' sitt ġimgħat pero' Project Green aċċettaw biss ġimgħatejn u l-Financial Modificiation imsemmija.

3.1.5. Fid-dawl li l-ġustifikazzjoni mogħtija kemm fir-rigward tal-Financial Modification u l-estensjoni taż-żmien ta' ġimgħatejn hija ġustifikabbli, is-Sindku qal li kemm-il darba l-Kunsill jaqbel, tingħata l-approvazzjoni meħtieġa.

3.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li japprova din il-varjazzjoni.

**3.2.1. Installazzjoni ta' Cameras tas-Sigurtà (C/9)**

3.2.2. Dwar iż-żewġ cctv cameras li ser jitwaħħlu f'Santa Maria Estate, is-Sindku għarraf li kif għarraf fis-seduta preċedenti:

(i) Is-cctv camera fejn De La Salle Retreat Centre ser titwaħħal fuq arblu eżistenti; filwaqt li
(ii) Għas-cctv camera fil-bidu ta' Triq Għajn Żejtuna, twaħħal l-arblu li fuqu ser teħel il-camera.

3.2.3. Dwar is-CV Cameras fil-Manikata, is-Sindku qal li l-kuntrattur lesta l-installazzjoni tal-cameras u bagħat invoice li għandha tiġi ċċertifikata mill-Inġinier responsabbli.

3.2.4. Dwar is-cctv cameras fl-entraturi tal-Mellieħa, is-Sindku għarraf li l-kuntrattur Alberta Fire & Security Equipment Ltd lesta wkoll l-installazzjoni tal-erba' cameras u huma funzjonabbli.

3.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.1 Il-Librerija Pubblika tal-Mellieħa (L/4/Vol IV)**

3.3.2. Dwar il-librerija pubblika, is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-26 ta' Ġunju 2026 huwa bagħat imejl lill-Onor. Byron Camilleri – Ministru għall-Eduzzjoni u l-Isport fejn talab li l-Kunsill jingħata pre-fabricated classroom kif kien ġie mwiegħed mill-Ministru ta' qabel, sabiex ikun possibbli li ssir riallokazzjoni tal-librerija pubblika sakemm tinbena l-iskola primarja mill-ġdid. Huwa qal li imejls oħra bħala tfakkira ntbagħtu fl-20 u fit-28 ta' Lulju 2026. Sfortunatament s'issa, huwa qal li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda komunikazzjoni dwar din it-talba. Huwa għarraf ukoll li fl-14 ta' Lulju 2026 saret anke Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

3.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jinsab inkwetat u mħasseb dwar il-librerija pubblika u jibża' li sfortunatament il-Kunsill mhu ħa jasal imkien jekk mhux ħa joħroġ bi proposta l-Kunsill stess. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa qed jipproponi li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jixtri pre-fabricated classroom, li tista' tiġi ffinanzjata mid-Development Planning Fund. Il-ħsieb, qal is-Sur J. Buttigieg huwa li l-Kunsill jixtri hu stess il-pre-fabricated classroom u tintuża għar-riallokazzjoni tal-librerija pubblika sakemm din terġa' ssib postha fl-iskola 'l ġdida u wara tintuża bħala store tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li l-Awtorità tal-Ippjanar m'għandhiex isib oġġezzjoni li l-Kunsill juża l-fondi tad-DPF għal dan il-għan. Dwar il-post fejn il-pre fabricated classroom ser titpoġġa wara li ma tibqax tintuża bħala librerija pubblika, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob permess biex din titpoġġa f'Tat-Tomna – jew fil-parti tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jew fil-parti fejn hemm il-Cleansing and Maintenance Division. Is-Sur J. Buttigieg qal li anke hawnhekk huwiex mhuwiex jara diffikultajiet biex jintlaħaq kompromess peress li dawn iż-żewġ dipartimenti jaqgħu taħt l-istess Ministeru – il-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi li jinkorpora wkoll is-CMD. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa mhux jistenna li l-Kunsill jieħu deċiżjoni l-lejla imma forsi wieħed jaħseb fuq din il-proposta.

3.3.3. Is-Sindku G. Micallef qal li għalkemm il-proposta tal-Kunsillier J. Buttigieg hija waħda valida u jaqbel li l-Kunsill għandu jibda jesplora din il-possibiltà, iħoss li huwa nġust li l-Kunsill ikollu jerfa' din ir-responsabbiltà.

3.3.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li jekk kif ġie ikkonfermat li l-Kunsill għandu bżonn li jkollu store, il-Kunsill ikun jaqbillu aktar finanzjarjament li jixtri pre fabricated classrom minflok garaxx.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jibda jesplora din il-possibiltà.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2025 u r-Risposta tal-Kunsill;
- Agenda tal-Board Meeting tal-Majjistral Nature and History Park tat-23 ta' Lulju 2026;
- Minuti tal-Board Meeting tal-Majjistral Nature and History Park tad-9 ta' Frar 2026;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 28/07/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 21/06/2026 – 28/07/2026;
- Skeda ta' Petty Cash – 25/05/2026 – 10/07/2026;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Attività Sportiva bil-kollaborazzjoni tal-Malta Football Association (S/4/2 Vol V)

5.1.2. Dwar l-attività msemmija, is-Sindku G. Micallef qal li minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex din l-attività sportiva tiġi parti mill-Iljieli Melleħin ta' din is-sena, huwa ssuġġerixxa li din tiġi posposta għal aktar tard matul is-sena. Dan biex ikun hemm żmien biżżejjed biex issir il-kordinazzjoni meħtieġa.

5.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.2.2. Dwar il-proġett ta' lampi ġodda fit-toroq imsemmija, is-Sindku G. Micallef qal li tlestew ix-xogħlijiet fi Triq Edward Camilleri, Triq il-Padrun u Triq il-Peprin u twaħħlu l-lampi l-ġodda. Dwar Triq il-Peprin, huwa qal li ma kienx hemm il-ħtieġa li tinqala' l-bankina biex isiru x-xogħlijiet neċessarji, peress li kien hemm service culvert eżistenti li ntuża għal dan il-għan. Huwa qal li l-pass li jmiss huwa li l-Kunsill jissottometti l-STL Applications lill-Korporazzjoni Enemalta biex dawn il-lampi jinxtegħlu.

5.2.3. Dwar il-proġett ta' lampi ġodda fi Triq il-Kbira, is-Sindku qal li l-Perit inkarigat għad irid jipprepara block plan skont ir-rekwiżiti li talbu Transport Malta.

5.2.4. Dwar Triq il-Kbira, il-Kunsillier John Buttigieg staqsa jekk peress li l-bankina hija wiesgħa, hemmx il-ħtieġa li din tinqala' kollha biex isiru dawn ix-xogħlijiet. Huwa ssuġġerixxa li possibbilment tinqala' biss il-parti meħtieġa. Dwar dan is-suġġeriment, intlaħaq qbil li l-Kunsill jiċċara dan il-punt ma' Transport Malta.

5.2.5. Il-Viċi Sindku Matthew Borg Cuschieri xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex jirrimarka li l-bozoz tat-tip LED li nbiddlu mill-Korporazzjoni Enemalta bħala parti mill-proġett tagħha 'Retrofitting' jagħtu wisq dawl u f'ċertu ċirkustanzi qed joħolqu inkonvenjenza lir-residenti. Huwa qal li l-Kunsill għandu jiċċekkja mal-kuntrattur responsabbli jekk hemmx xi soluzzjoni alternattiva f'każijiet fejn id-dawl ikun qed jirrifletti ġor-residenzi u joħloq inkonvenjenza.

5.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Sessjonijiet ta' Fitness u Pilates (E/3/1/11)

5.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill qed jirċievi talbiet minn diversi instructors li jixtiequ joffru sessjonijiet ta' Fitness u Pilates għall-benefiċċju tar-residenti tal-lokalità.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li joffri l-faċilitajiet tas-sala Joseph Borg.

## 5.4.1 Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol VI)

5.4.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri tkellem dwar l-inkonvenjenza li jikkawża l-iskart meta jiġi mgeddes.

5.4.3. Is-Sindku qal li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart jistipula li jista' jsir tgeddis sakemm dan jinġabar fi żmien ħmistax-il minuta.

5.4.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-problema tinqala' meta l-iskart idum ma jinġabar u meta l-gzuz ikunu qed jostakolaw l-aċċessi ta' garaxxijiet, eċċ.

5.4.5. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana ngħata l-permess biex jibda joħroġ il-multi lill-kuntrattur fejn ikun hemm il-ħtieġa.

5.4.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.5.1 Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.5.2. Dwar il-proġett tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar, is-Sindku G. Micallef għarraf li lbieraħ it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2026 sar onsite meeting li għalih attendew flimkien miegħu l-Perit Joseph Attar, il-kuntrattur North 2 South Ltd, is-sub contractor li huwa l-istess kuntrattur li ħadem il-pavimentar kollu meta sar il-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa, is-Sur Andrew Farrugia li għandu residenza f'dan it-taraġ u s-Sur John Grima f'isem Square Bistro Bar.

5.5.3. Is-Sindku għarraf li l-pjan huwa li sal-Festa tal-Vitorja x-xogħlijiet jitlestew kollha fil-parti bejn Misraħ il-Parroċċa u l-pjazzetta quddiem l-Uffiċċju Parrokkjali. Mill-1 ta' Ottubru 2026, titkompla l-parti minn fejn ix-xelters sa Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Fuq din il-parti tal-proġett, is-Sindku qal li l-kuntrattur għad m'għandux informazzjoni jekk il-Korporazzjoni Enemalta hux ser tkun qed tinkorpora ma' dan il-proġett, il-bini ta' sub station ġdida.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (F/1/7 Vol XIII) (R/2/Vol III)

5.6.2. Is-Sindku għarraf li dwar ix-xogħol ta' restawr tat-tieni sett ta' skulturi 'Labyrinth City Monument' maġenb il-Knisja tal-Manikata, qed jiġi mħejji Works Method Statement li appena jitlesta jrid jiġi approvat minn K.P.K.K. qabel ma jkunu jistgħu jitkomplew ix-xogħlijiet.

5.6.3. Huwa għamel referenza wkoll għall-iskema ta' finanzjament mnedija mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali bir-referenza SPI.SCI. 5.2025 – Komunitajiet aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità, fejn ikkonferma li l-Kunsill ipparteċipa f'din l-iskema billi ssottometta applikazzjoni biex possibiliment jikseb fondi għall-proġett tat-turġien Triq l-Isqof Pace u Triq Gorg Borg Olivier.

5.6.4. Huwa rrefera wkoll għall-iskema ta' finanzjament SPI.SCI.4.2026 - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, fejn il-Kunsill issottometta applikazzjoni sabiex issir manutenzjoni tal-parapett f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

5.6.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.7.1 Ramla Bay Regatta 2026 (S/4/2 Vol V)

5.7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 3 ta' Lulju 2026 minn Royal Malta Yacht Club dwar l-organizazzjoni ta' Ramla Bay Regatta bejn id-19 u l-21 ta' Settembru 2026. Huwa qal li l-Kunsill intalab jagħti n-no objection għal dan l-avveniment.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Kompetizzjoni tat-Tajr (A/5/3/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġeriet li ssir kompetizzjoni tat-tajr anke jekk din l-inizjattiva tkun abbinata ma' inizjattiva oħra.

5.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-passat din il-kompetizzjoni kienet issir f'Jum l-Ambjent fl-inħawi tat-Torri l-Aħmar.

5.8.4. Is-Sindku G. Micallef qal li din l-inizjattiva l-Kunsill jista' jabbinaha mal-Festa tal-Qara' jew f'Jum it-Tfal.

5.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.9.1. PA 00818/26 (PA 02731/24) - |Żvilupp Agri-Turistiku fl-Inħawi Tat-Tomna (P/5/8/T)

5.9.2. B'referenza għall-applikazzjoni tal-iżvilupp imsemmija, is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill permezz tal-Perit Carmel Cacopardo ġie nfurmat li saret reviżjoni ta' xi drawings. Min-naħa tiegħu nforma lill-Perit li kemm-il darba l-bażi tal-applikazzjoni għadha l-istess, il-Kunsill jerġa' jtenni l-posiżżjoni u r-rakkomandazzjoni tiegħu.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa ppjanati li jerġgħu jibdew f'Novembru 2026, is-Sindku għarraf li l-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-komunità kummerċjali bil-għan li ikun hemm żmien biżżejjed biex wieħed ikun mgħarraf dwar kif ser ikunu mqassma x-xogħlijiet partikularment peress li issa x-xogħlijiet ser isiru fi Triq Gorg Borg Olivier fejn l-aktar hemm konċentrazzjoni ta' stabbilimenti kummerċjali.

5.10.3. Is-Sindku G. Micallef qal li s-Sur Paul Zahra f'isem il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kkonferma li appena jiġi konkluż il-pjan kif ser isiru x-xogħlijiet, tkun tista' ssir din il-laqgħa. Huwa ttamat li l-laqgħa ssir sal-aħħar ta' Awwissu 2026.

.

5.10.4. Il-Kunsilliera C. Castillo ssuġġerit li meta jerġgħu jibdew ix-xogħlijiet f'Novembru li ġej u terġa tibda tintuża l-Bus Stop fi Triq Edward Camilleri, ikun ideali li l-Kunsill iwaħħal tabelli li jindikaw id-direzzjoni ta' postijiet importanti, għall-benefiċċju partikularment tat-turisti li jkunu l-Mellieħa għall-btajjel tagħhom.

5.10.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li minn kummenti li rċieva mingħand sidien ta' stabbilimenti kummerċjali, il-fatt li t-trasport pubbliku ma jgħaddix mit-toroq prinċipali, il-ħwienet innutaw li l-kumerċ jonqos minn meta t-trasport pubbliku jgħaddi mit-toroq prinċipali.

5.10.6. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li meta t-trasport pubbliku beda jgħaddi mill-bypass, l-attività fit-toroq prinċipali kienet kwieta għall-aħħar.

5.10.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li għalhekk il-proposta tal-Bus Interchange f'Selmun hija waħda tajba għaliex għalkemm ċertu rotot tat-trasport pubbliku ser jgħaddu mill-bypass, ir-rotot prinċipali xorta waħda ser jibqgħu jgħaddu mit-toroq prinċipali. Huwa qal ukoll li l-parking propost fl-iskola 'l ġdida wkoll ser jgħin biex sewwieqa jevitaw li jipparkjaw fi Triq Gorg Borg Olivier.

5.10.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li s-soluzzjoni tista' tkun sistema ta' traffic lights li jaħdmu bl-AI (Intelliġenza Artifiċjali) kif kien diġa' ppropona. Sistema li twaqqaf il-karozzi tal-linja milli jipproċedu sakemm karozzi oħra tal-linja jitilgħu jew jinżlu minn Triq Gorg Borg Olivier.

5.10.9. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-konġestjoni tat-traffiku partikularment bejn id-9.00am u l-11.30am, ma joħolquhiex il-karozzi tal-linja biss, iżda anke trakkijiet kbar tad-delivery kif ukoll coaches li jgħaddu biex jiġbru n-nies mil-lukandi.

5.10.10. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-fatt li l-Kunsill għandu appell għaddej dwar il-proposta ta' Bus Interchange f'Selmun, u wieħed għandu jistenna l-eżitu tiegħu.

5.10.11. Dwar il-Bus Stop 'Ruman' u n-nuqqas ta' sigurtà li kien hemm għal min kien jużah, is-Sindku qal li Transport Malta qed tikkunsidra pożittivament il-proposta tal-Kunsill li jkun hemm bus stop temporanju mad-dawra tar-roundabout fid-daħla tal-Mellieħa.

5.10.12. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tieħu din l-opportunità biex possibbilment il-Kunsill jerġa' jibgħat tfakkira lil Transport Malta dwar il-ħruġ u d-dħul għall-Mistra minħabba l-periklu li hemm.

5.10.13. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Dwar il-proġett 'Different Stories, One Community - Voice of Mellieħa through Youth-Led Intercultural Connections', il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-ewwel attività saret nhar it-Tnejn 29 ta' Ġunju 2026 fis-sala Joseph Borg u kienet suċċess. Huwa qal li din l-attività kienet ċelebrazzjoni ta' kulturi differenti fejn madwar mejda ltaqgħu persuni ta' nazzjonalitajiet differenti flimkien ma' numru ta' anzjani li apprezzaw ferm din l-inizjattiva. Is-Sur J. Cauchi qal li waqt l-attività saret spezzjoni minn rappreżentanti tal-EUPA li għalkemm apprezzaw il-ħidma partikularment tal-Youth Leader Ms Stefanie Vella, saħqu li jrid ikun hemm iktar il-preżenza taż-żgħażagħ u li jkunu ż-żgħażagħ nfushom li jieħdu l-inizjattivi tal-oranizazzjoni tal-attivitajiet. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill jista' jkun ippenalizzat.

5.11.3. Is-Sur J. Cauchi qal li l-Kunsill ħa nota tas-suġġerimenti li saru mill-EUPA u flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qed isiru diversi tentattivi sabiex possibilment sa nofs Awwissu 2026, jifforma kumitat magħmul kollu kemm hu miż-żgħażagħ bil-għan li dan il-kumitat jibda jiltaqa' u jibda jippjana l-attivitajiet li fadal li jridu jsiru. It-tieni attività fil-fatt ser tkun tikkonsisti f'Movie Screening/Workshop u diġa' bdew il-preparamenti meħtieġa. It-tema ser tkun 'L-Inklużjoni'. Intqal li ż-żgħażagħ iridu jkunu l-pijunieri ta' dan il-proġett u għal dan il-għan talab lill-membri preżenti sabiex jekk ikunu jafu b'żgħażagħ li huma interessati, iħeġġuhom japplikaw.

5.11.4. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf ukoll li saret emenda fid-data ta' meta beda l-proġett u d-data l-ġdida hija Mejju 2026. Dan ifisser li l-proġett għandu jiġi fi tmiemu f'Marzu 2027.

5.11.5. Is-Sur J. Cauchi xtaq jieħu din l-okkażjoni wkoll biex jgħarraf li l-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fis-'Solidarity Projects Annual Celebration Event' li l-EUPA qed torganizza fis-7 ta' Awwissu 2026. Huwa qal li peress li din l-attività ser taħbat mal-Lejla Selmunija, huwa talab li jiġi skużat.

5.11.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. It-Tletin Sena Anniversarju mill-Iffirmar ta' Ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Adenau (K/1/5/Vol V)

5.12.2. Dwar l-istedina li s-Sindku ta' Adenau għamel lill-Kunsill biex jiġi kkommemorat l-anniversarju msemmi, is-Sindku qal li l-Kunsill għad irid jiddeċiedi minn min ser tkun komposta d-delegazzjoni li ser titla' Adenau f'Ottubru li ġej biex il-Kunsill ikun jista' jikkonferma d-dettalji mal-Kunsill t'Adenau.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.13.1. Ingaġġ ta' Clerical Officer fi Skala 15 (P/7/1/Vol XVII)

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef fakkar li l-ewwel sejħa pubblika għall-Clerical Officer fi Skala 15 għalqet nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju 2026. Il-Kunsill irċieva tnax-il applikazzjoni u għarraf li l-Bord tal-Intervisti ser ikun qed jiltaqa' dalwaqt sabiex isiru l-intervisti lil dawn il-kandidati.

5.13.3. Sadanittant, il-Kunsill ingħata l-permess neċessarju biex joħroġ it-tieni sejħa fost il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali biex jiġi ngaġġat it-tieni Clerical Officer fi Skala 15, madanakollu l-Kunsill ma rċieva l-ebda applikazzjoni. Għal dan il-għan, il-Kunsill ingħata l-permess biex joħroġ sejħa pubblika.

5.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.14.1. Laqgħa ma' Selmun Sports Club (G/1)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 12 ta' Lulju 2026, mingħand Selmun Sports Club li talbu li l-Kunsill jaġġornahom primarjament fuq dawn il-punti:

- Resurfacing of the multi-purpose court.
- Installation of a new, suitable perimeter fence.
- Improved security and controlled access to the court.
- Refurbishment of the rooms beneath the multi-purpose court.
- Allocation of court's time slots with the netball team and any other third-party users.
- Renewal of the three-year agreement between Selmun Sports Club and the Mellieħa Local Council.

5.14.3. Għal dan il-għan, ġiet iffissata laqgħa għal għada l-Ħamis, 30 ta' Lulju 2026 fil-5.30pm.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.15.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin qalet li l-laqgħa fuq is-sit ma' Delta Projects saret nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2026 kif ippjanat. Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll il-Kunsillier E. Bartolo, il-Perit M. Casha flimkien mal-Project Manager u d-Direttur ta' Delta Projects Ltd.

5.15.3. Madanakollu, hija qalet li hekk kif appena waslu fuq il-post, indunaw li t-trejqa li fuqha kien ser isir l-intervent, kien diġa' sarilha intervent u ġiet mogħtija l-konkos.

5.15.4. Minn sorsi li nzertaw kienu fuq il-post, il-Kunsill ġie mgħarraf li riċentement il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet għamlet xogħol f'din it-trejqa fejn inbidel il-main tad-drenaġġ u wara l-wiċċ tat-triq ġie miksi bil-konkos.

5.15.5. Kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni li l-Kunsill jinforma b'mod immedjat lill-Managing Authority u lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali b'dawn l-iżviluppi, u qed jistenna gwida min-naħa tagħhom dwar kif il-Kunsill għandu jipproċedu f'ċirkustanzi bħal dawn.

5.15.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1. Sejħiet għall-Offerti (K/6)

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li :

(i) Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 04/2026 – Manikata Parish Church Architectural Lighting, l-Inġinier ipprepara r-rapport tekniku li jista' jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat t'Evalwazzjoni;

(ii) Fis-6 ta' Lulju 2026 għalqet is-Sejħa għall-Offerti għall-Ġbir ta' Skart Goff u kien hemm ħames sottomissjonijiet;

(iii) Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 06/2026, dwar ix-Xiri ta' Electric Van li għalqet fil-21 ta' Mejju 2026, huwa qal li l-Procurement Section fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali nnutat il-ġustifikazzjonijiet tal-Kunsill u tat il-parir tagħha li l-Kunsill jitlob permess għal Direct Order;

(iv) Is-Sejħa għall-Offerti 'Design, Layout and Printing of the Council Newsletter and Book Binding' għalqet fis-27 ta' Lulju 2026 u kien hemm sottomissjoni waħda;

(v) Ġiet ippubblika wkoll is-Sejħa għall-Offerti dwar il-'Christmas Lights Decorations' li tagħlaq fis-6 ta' Awwissu 2026;

(vi) Sadanittant qed isir drafting tas-sejħiet għall-offerti dwar it-Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq Gorg Borg Olivier, it-Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq l-Isqof Pace, il-'Construction of Bus Shelters Bases' u l-Installazzjoni ta' Fanali Ornamentali fit-Toroq fil-Qalba tar-Raħal.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Laqgħa dwar l-Arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp u l-Festa tal-Vitorja (F/2 Vol VIII)

5.17.2. Dwar il-laqgħa marbuta mal-arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja, is-Sindku għarraf li l-laqgħa dwar l-arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja ser issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Awwissu 2026 fil-5.30pm.

5.17.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex jissuġġerixxi, li l-Kunsill din is-sena jerġa' jippromwovi l-użu tat-tazzi tax-xorb reusable matul il-jiem tal-festa. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jintroduċi xi tip ta' dispenser tal-ilma għal żmien il-festa. Madanakollu, il-Kunsilliera C. Castillo qalet li jista' jkun, li l-istabbilimenti kummerċjali jilmentaw għax din l-inizjattiva ittellef mill-bejgħ tagħhom.

5.17.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri semma wkoll l-automatic bollards ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u l-possibiltà li dawn jitneħħew u jsiru bollards bħalma hemm f'Misraħ il-Parroċċa.

5.17.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. Il-Jum Dinji tal-Kant (World Singing Day) (A/5/3/Vol XVI)

5.18.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li fis-17 t'Ottubru 2026 jiġi ċċelebrat il-Jum Dinji tal-Kant u għaldaqstant xtaq jissuġġerixxi li din l-inizjattiva tiġi abbinata flimkien mal-Jum iddedikat għas-Saħħa Mentali peress li dan jiġi ċċelebrat f'Ottubru wkoll. Huwa qal li din l-inizjattiva tista' ssir bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet lokali fejn ir-residenti jingħaqdu flimkien permezz tal-kant.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.19.1. Xquq Perikolużi fl-Irdumijiet u fiż-Żoni Kostali (X/1/1)

5.19.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Perit Lino Micallef li offra li huwa flimkien mat-tim tiegħu jagħmlu studju dwar xquq perikolużi fl-irdumijiet u fiż-żoni kostali tal-Mellieħa u l-inħawi.

5.19.3. Is-Sindku G. Micallef qal li s'issa kull meta l-Kunsill ġie mgħarraf b'xi periklu ta' dan it-tip, kien qed jagħmel rapport mad-Dipartiment tal-Pulizija li min-naħa tagħhom jifthu rapport dwar 'Dangerous Structure' u immedjatament ikunu nfurmati bil-każ primarjament Perit tal-Gvern li jmur fuq il-post u jagħmel rapport dettaljat fuq il-każ u l-entitajiet kollha konċernati.

5.19.4. Madanakollu, il-Kunsill qabel li l-Perit Lino Micallef jibgħat email lill-Kunsill bil-ħsieb tiegħu sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwah.

5.19.5. Fuq nota oħra, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li hemm struttura li qed tiġġarraf fl-inħawi tal-Qortin madanakollu, is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien diġa' għamel rapport fuqha lill-awtoritajiet konċernati.

5.19.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-Mellieħa (W/2/Vol IV)

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tkun qed tagħmel xogħol t'emerġenza permezz tal-Permess RWP1-0947-26 fi Triq l-Għorgħar, Triq it-Tgħam, Triq San Mikiel u parti minn Triq il-Fortizza.

5.20.3. Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet jikkonsistu fi tqegħid u l-konnessjoni ta' mains ġodda tal-ilma u l-Kunsill talab li jingħata akar informazzjoni sabiex ikun jista' jinforma lir-residenti. Ix-xogħlijiet huma ppjanati li jdumu madwar tmien ġimgħat iżda l-aċċess ta' garaxxijiet li jinsabu f'dawn fl-inħawi ser jibqa'.

5.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. Murali f'Turġien Pubbliċi (A/5/3/Vol XVI)

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa ġie avviċinat minn resident li lest li joħloq murali f'turġien u ħitan pubbliċi bħall-ħajt li hemm fi Triq il-Kappillan Magri kif titla' t-taraġ fil-parti fejn tagħlaq, il-ħajt tad-dawra ta' Ġnien iż-Żerniq u t-taraġ tal-playing field ta' Triq l-Erwieħ.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li ssir konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill dwar jekk hemmx bżonn xi tip ta' permessi għall-inizjattivi simili u x'materjal l-aħjar li jintuża sabiex iż-żebgħa ddum kemm jista' jkun kif ukoll li l-Kunsill ikun infurmat x'disinni ser isiru.

### 5.22.1. Żjara l-Vatikan (A/2 Vol XII)

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet f'diskussjonijiet mal-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Frank Zammit, Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede, dwar il-possibbiltà li tiġi organizzata udjenza mas-Santità Tiegħu l-Papa Iljun XIV għall-grupp ta' Sindki Maltin fil-Belt tal-Vatikan. Jidher li din l-inizjattiva ntlaqgħet b'mod pożittiv u ż-żjara se ssir bejn l-20 u t-22 ta' Ottubru 2026.

5.22.3. Is-Sindku qal li huwa qed jikkunsidra li jmur u xtaq li l-Kunsill ikun infurmat, peress li hemm l-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni, inklużi l-biljetti tal-ajru, l-akkomodazzjoni u kwalunkwe Daily Subsistence Allowance (DSA), li jridu jitħallsu mill-Kunsill Lokali.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Filming tal-Film "De Bevers: Alles Voor De Fans!" fil-Mellieħa (A/6/3 Vol X)

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva talba mingħand Do Productions u Gates Pictures sabiex jingħataw il-permessi neċessarji biex isir filming fil-Mellieħa fil-15 u fid-19 ta' Settembru 2026.

5.23.3. Huwa qal li fil-15 ta' Settembru 2026, il-filming ser isir fi Triq Tal-Prajjiet, fi Triq Tad-Dahar u fi Triq l-Armier filwaqt li fis-17 ta' Settembru 2026, il-filming ser isir bejn id-9.00am u s-2.00pm fil-qalba tar-raħal fosthom fi Triq Ġnien Ingraw, Triq il-Mitħna l-Ġdida u Misraħ il-Parroċċa.

5.23.4. Wara komunikazzjoni mas-Sur Slavko Vukanovic – il-persuna responsabbli mil-loġistika, ġie kkonfermat li għalkemm fil-qalba tar-raħal ser isir filming ta' xena ta' 'car chase', il-vetturi ser ikunu qed isuqu bit-30km, imbagħad bl-effetti jagħmluha tidher aktar mgħaġġla. Huwa qal li aċċess għar-residenti ħa jibqa', ser ikun hemm is-sorveljanza mill-Pulizija, ser isir kuntatt mal-istabbilimenti tal-pjazza anke mar-residenti biex ikunu nfurmati.

5.23.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Stqarrijiet maħruġa mill-Kunsill (M/3 Vol III)

5.24.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jagħmel osservazzjoni dwar l-istqarrijiet li joħroġ il-Kunsill minn żmien għal żmien.

5.24.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li qabel ma stqarrija tiġi ppubblika, din għandha tintbagħat lill-membri tal-Kunsill sabiex jarawha. Huwa qal li l-aħħar stqarrija li ħarġet kienet dwar il-librerija pubblika, u huwa personalment nduna biha għax fetaħ il-Facebook u raha. Huwa qal li jkun xieraq u prudenti, li l-membri tal-Kunsill ikunu nfurmati minn qabel. Huwa rrefera għall-kodiċi tal-etika fejn hemm stipulat dan li qiegħed jgħid. Huwa żied jgħid li jista' jagħti l-każ li xi membru tal-Kunsill ikun irid ibiddel jew iżid xi frażi mill-istqarrija.

5.24.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-istqarrija dwar il-librerija pubblika saret a bażi ta' dak li kien ġa kien ġie diskuss fis-seduta tal-Kunsill. Madanakollu, huwa qal li din l-osservazzjoni ser tiġi rrispettata.

5.24.5 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.25.1. Jum il-Kunsill 2026 (A/5/3/1)

5.25.2. Dwar l-edizzjoni ta' din is-sena ta' Jum il-Kunsill, il-membri kollha tal-Kunsill qablu li kienet ċerimonja sabiħa fejn spikkat il-parteċipazzjoni tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Dr Myriam Spiteri Debono.

5.25.3. Il-membri tal-Kunsill xtaqu li jsir ringrazzjament lil dawk kollha li ħadmu sabiex din iċ-ċerimonja għal darb'oħra tkun waħda memorabbli.

5.25.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li rċeviet talba sabiex iċ-ċerimonja tas-sena d-dieħla tkun streamed live biex persuni li ma jkunux jistgħu jattendu jkunu jistgħu jsegwu ċ-ċerimonja online. Hija ssuġġerita ukoll li f'okkażjonijiet bħal dawn li jsiru fix-xhur sħan tas-sajf, il-Kunsill jista' jikkunsidra jqassam xi ilma lill-parteċipanti.

5.25.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. Twaqqif ta' Fencing fi Ġnien il-Qigħan (P/5/2)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi ma' Caremalta Ltd dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-parti ta' Ġnien il-Qigħan fejn ingħalqet b'fencing.

5.26.3. Is-Sindku G. Micallef qal li wara l-laqgħa li saret ma' Caremalta Ltd f'April li għadda, il-Kunsill kellu jagħmel proposta ta' kif il-Kunsill beħsiebu juża' din il-parti ta' Ġnien il-Qigħan. Is-Sindku qal li l-ġustifikazzjoni mogħtija mis-Sur Zaren Vassallo dwar il-għaliex din il-parti tal-ġnien ingħalqet għall-pubbliku kienet, minħabba negliġenzi min-naħa tal-Kunsill fejn tidħol manutenzjoni, il-ħsara li kienet qed tiġi kkawżati fis-swali li hemm taħtha u l-investiment li kellha tagħmel Caremalta Ltd sabiex sewwiet il-ħsara u l-post reġgħet ġabitu kif inhu llum. Huwa qal li madanakollu, Caremalta Ltd kienu lesti li din il-parti tal-ġnien tinfetaħ kull meta jkun hemm il-bżonn, u offrew anke li jkun hemm security a spejjeż tagħhom. Is-Sindku kompla billi qal li Caremalta Ltd qed tinsisti li din il-parti ma tkunx miftuħa għall-pubbliku 'l ħin kollu u mingħajr superviżjoni, għax hekk tkun qed tagħti lok għall-vandaliżmu.

5.26.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li ssir laqgħa apparti bejn il-membri tal-Kunsill anke possibilment fuq il-post biex jiġu diskussi ideat u ħsibijiet.

5.26.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.27.1. Tindif tal-Għajn tal-Mellieħa (K/6/3 Vol V)

5.27.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg tkellem dwar l-istat t'abbandun li tinsab fih l-Għajn tal-Mellieħa li huwa dnub peress li hija waħda mill-aħħar li fadal.

5.27.3. Is-Sindku G. Micallef qal li qed issir pressjoni fuq il-kuntrattur konċernat sabiex ix-xogħlijiet ta' tindif jibdew mill-aktar fis u huwa stess ser jassigura li dan iseħħ.

5.27.4. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tieħu din l-opportunità biex titlob li jsir tindif ukoll ta' Triq il-Kappella tal-Militar u t-toroq fiż-żona tal-Għoljiet tal-Mellieħa.

5.27.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.28.1. Xogħol ta' Restawr ta' Girna li tinsab fi Triq l-Armier (R/2)

5.28.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Ambjent Malta sabiex possibbilment il-girna li hemm fi Triq l-Armier kif taqbeż Triq Ta' Msid, tiġi rrestawrata u tiġi salvata milli tkompli tiġġarraf.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.29.1. Xogħlijiet ta' Manutenzjoni minn Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA) (T/12 Vol IV)

5.29.2. Dwar xogħlijiet ta' manutenzjoni minn TZRA fil-Mellieħa, is-Sindku għarraf li tlestew ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-belveder fi Triq Ġnien Ingraw u beda x-xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien l-Għoljiet.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.30.1. Lejla Selmunija 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.30.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kif kien diġa' ġie kkomunikat, il-Lejla Selmunija ser issir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu 2026.

5.30.3. Il-programm tas-serata ser ikun jikkonsisti kif ġej:
- Interventi mużikali minn Laetitia Trioisi De Menville fuq l-Arpa u l-vjolinista Stephen Scerri;
- Il-parti letterarja qed tiġi kkordinata mis-Sur Steve Cachia;
- żfin tradizzjonali Malti mill-Grupp Folkloristiku Cittadella; u
- Makkjetti u għana minn JoMike u Lydon.

5.30.4. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm numru ta' stalls armati, artisti lokali li ser ipinġu tpinġijiet live dak il-ħin u stall tal-ikel u xorb mtella' mill-Grupp tal-Armar. Il-grupp Anakron ser jieħu ħsieb il-ftuħ u l-armar tal-irziezet u jekk jippermetti t-temp ser jinġiebu xi annimali mingħand is-Sur Michael Bartolo.

5.30.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.31.1. Laqgħa mal-LESA (W/3 Vol XII)

5.31.2. Dwar il-laqgħa bejn il-Kunsill u l-LESA, is-Sindku għarraf li l-Kunsill bagħat email lil LESA u qed jistenna li jiġu identifikati xi dati konvenjenti għaż-żewġ partijiet biex din il-laqgħa tkun tista' ssir.

5.31.3. Madankollu, is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara x'ħa jkunu dawk il-punti li ser jiġu diskussi biex titfassal aġenda u enfasizza li huwa bl-ebda mod mhu ser ixekkel il-ħidma tal-uffiċjali tal-LESA.

5.31.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li min-naħa tiegħu li jixtieq huwa li jkun infurmat bis-servizzi li l-LESA qed twettaq fil-lokalità tal-Mellieħa. Huwa qal li fost affarijiet oħra, jixtieq ikun jaf x'tip ta' ċitazzjonijiet qed jinħarġu jekk hux fuq parkeġġ illegali ta' vetturi biss jew inkella qed jinħarġu wkoll ċitazzjonijiet fuq rimi ta' skart illegali jew mhux skont l-iskeda nazzjonali. Huwa qal li fil-passat dan kien isir u jixtieq ikollu informazzjoni fuq il-funzjoni in ġenerali tal-LESA fil-lokalitajiet.

5.31.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.32.1. L-Iljieli Melleħin 2026 (A/5/3/5)

5.32.2. Dwar l-edizzjoni ta' din is-sena tal-Iljieli Melleħin, is-Sindku G. Micallef xtaq jirringrazzja lill-membri u l-istaff tal-Kunsill għax-xogħol kollu tagħhom. Huwa qal li sar ħafna xogħol minn qabel u apprezza l-kontribut u s-sapport ta' kulħadd. Fl-opinjoni tiegħu l-Iljieli Melleħin għal darb'oħra kienu suċċess u l-elementi kollha tal-lokalità li ġew ippreżentati ħarġu sabiħ.

5.32.3. Huwa xtaq jirringrazzja wkoll lill-għaqdiet lokali kollha kif ukoll lill-artisti, lill-persuni li armaw stalls lid-dilettanti tal-vetturi li ħadu sehem fil-wirja tal-vetturi u lil dawk kollu li pprovdew divertiment ta' kull tip għax dawn għenu biex min attenda kellu l-opportunità japprezza 'l ħafna talenti li l-lokalità hija mżewqa bihom.

5.32.4. Is-Sindku qal ukoll li l-ħasil tat-toroq li sar waqt l-Iljieli Melleħin sar wara li ntbagħtet talba lis-Sur Emil Vassallo u l-Kunsill għamel pressjoni biex it-toroq jinħaslu hekk kif hemm stipulat fl-MOU. Huwa xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jispjega li peress li d-Diviżjoni għall-Indafa u l-Manutenzjoni (CMD) għadha bla Direttur Ġenerali, wieħed irid jagħti ftit ċans sakemm l-affarijiet jerġgħu jiġu għan-normal.

5.32.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.33.1. Il-Kunċert Annwali tal-Festa mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6 Vol VII)

5.33.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 18 ta' Lulju 2026 mibgħut mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina, fejn il-Kunsill intalab jikkollabora fil-kunċert annwali li l-Għaqda torganizza fi żmien il-Festa tal-Vitorja.

5.33.3. Is-Sindku qal li huwa jissuġġerixxi li l-għajnuna tal-Kunsill għandha tkun bħal dik li ngħata lill-għaqdiedt mużikali u għaqdiet oħrajn jiġifieri li parti mill-għajnuna tingħata mill-fond allokat lill-Kunsill mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana u parti mill-fondi tal-Kunsil.

5.33.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li peress li din hija waħda mill-attivitajiet esterni ewlenin €2,500 jingħataw mill-fond tar-Reġjun u €500 jingħataw mill-fondi tal-Kunsill fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.34.1. L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2025 - mibgħuta mill-udituri tal-Kunsill (F/1/2/Vol IX)**

5.34.2. Għal din il-parti tas-seduta, attenda wkoll b'mod virtwali l-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea. Huwa irrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena Finanzjarja 2025, kif ukoll l-abbozz tat-tweġiba għaliha. Is-Sur D. Galea aċċenna li din is-sena ma kienx hemm Audit Adjustments. Huwa qal li l-punti kollha li tqajmu kienu ta' natura teknika u allura jittrattaw il-mod kif ċerti transazzjoni kellhom jiġu murija fil-kotba.

5.34.3. Is-Sur D. Galea qal li l-osservazzjonijiet li saru mill-udituri kienu osservazzjonijiet normali fil-fatt kien hemm affarijiet li jinkitbu kull sena. Saħansitra għadu jissemma' l-fatt li l-kotba tal-Kumitat Konġunt Tramuntana għadhom ma ngħalqux, iżda din il-materja l-Kunsill m'għandux kontroll fuqha.

5.34.4. Huwa qal ukoll li l-Kunsill huwa mitlub li jirrispondi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fi żmien sitt ġimgħat minn meta l-Ittra ta' Direzzjoni tintbagħat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

5.34.5. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba mressaq.

## 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri illi tgħid:

"Billi fl-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) għas-sena finanzjarja 2025, mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ġie osservat li hemm kontijiet li ntbagħtu diversi snin ilu u għadhom jidhru fuq il-kotba li huma:

**3.1 Overdue trade receivables**

The book of account includes the following overdue receivables for which no provision was made in the books of account:

| Debtor | € |
|---|---|
| Jake Borg | 351.80 |
| Go plc | 9.32 |
| | **361.12** |

The council should regularly review overdue receivables for recoverability and if so, chase these debtors by sending reminders for the long overdue amounts. If recoverability of these debtors remains doubtful, the council should also consider making a provision for doubtful debts in the books of account after obtaining council approval in a meeting.

Billi l-udituri nnutaw ukoll li hemm kont illi jammonta għal €13,207.74 li nħarġu lil WasteServ Malta Ltd liema ammonti baqgħu ma ġewx onorati;

Billi l-udituri kkummentaw li għadda żmien biżżejjed sabiex il-Kunsill jiddeċiedi x'jsir minnhom;

Fid-dawl tal-fatt li d-debitu dovut ma jidhirx li ser jitħallas, il-Kunsill jirriżolvi li ċ-ċifri msemmija jinqatgħu minn fuq il-kotba. (F/1/2)

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsilliera C. Castillo.

### 6.2.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku Gabriel Micallef, li tgħid:

"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;

Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin Preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fit-3 ta' Lulju 2026, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni, skond ir-rapport tal-istess Bord tat-8 ta' Lulju 2026, liema rapport ġie diskuss waqt is-laqgħa tal-Kunsill li ssejħet apposta fl-14 ta' Lulju 2026;

Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda", filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet;

Iżda billi l-kriterji jipprovdu wkoll li ex-Sindku u ex-Kunsillier li serva f'żewġ kunsilli huma eliġibbli għall-unur Ġieħ il-Mellieħa, kif ukoll li kunsillier li serva f'kunsill wieħed jikkwalifika għal "Rikonoxximent il-Mellieħa" li iżda din id-darba ma kienx hemm persuni li jikkwalifikaw;

Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali wieħed għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";

Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:

- Familja Aquilina – Volontarjat fi ħdan għaqda lokali;

filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":

- Is-Sur Josef Borg – Volontarjat fi ħdan għaqda mużikali;
- Is-Sur Anthony Cutajar – Volontarjat fil-qasam kulturali;
- Dr Saviour u Dr Salvina Borg – Kontribut indeskrivibbli fil-qasam mediku

Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa":

- Ms Tereża Vella –. Voluntiera fil-Parroċċa ta' San Ġużepp, il-Manikata

Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fil-laqgħa tal-14 ta' Lulju 2026, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tal-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026, fil-Bitħa tas-Santwarju". (A/5/3/1/Vol XVII)

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 28 ta' Lulju 2026.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn il-21 ta' Ġunju 2026 u t-28 ta' Lulju 2026.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri l-perjodu bejn il-25 ta' Mejju 2026 u l-10 ta' Lulju 2026.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fit-8.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu 2026 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Marica Gambin |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 28a

29 ta' Lulju 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 28 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 29 ta' Lulju 2026 fil-5.30pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, Emvin Bartolo u Loridana Darmanin li talbu li jiġu skużati.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieħa/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

Il-Kunsillier J. Cauchi talab li s-silta numru 5.1.5. tal-minuti tas-Seduta Numru 26 tinqara kif ġej:

*5.1.5. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li huwa għamel kuntatt mal-Mellieħa Sports Club li aċċettaw li jikkollaboraw* ***f'waħda mill-attivitajiet****, iżda talba li jkunu nfurmati x'ser ikun l-involviment tagħhom.*

Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jiċċara li b'rabta mas-silta numru 2.8.5. tal-istess minuti, huwa mhux ser ikun jista' jakkumpanja lid-delegazzjoni tal-Kunsill għaż-żjara f'Cavriglia peress li ser ikun imsiefer.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 26 li saret fil-25 ta' Ġunju 2026 u tas-Seduta Nru. 27 li ssejġet b'urġenza, ġew approvati.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.1.2. Il-ħarġa kulturali ippjanata għax-xahar ta' Ġunju għall-gżira Għawdxija ma saritx peress li kien hemm attivitajiet u inizjattivi oħra għaddejjin. Il-ħarġiet kulturali jerġgħu jibdew isiru wara li jgħaddi s-sajf.

2.1.3. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li avviċinawha minn MICAS dwar il-possibiltà li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar attivitajiet li jistgħu jsiru bejn MICAS u l-Kunsill.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.2.2. Il-Kunsill tat-Tfal ser jieqaf jiltaqa' matul ix-xhur tas-sajf. Ms Emilia Mercieca ser tkun il-persuna responsabbli mill-Kunsill tat-Tfal u t-tfal diġa' kellhom laqgħa magħha. Il-laqgħat jerġgħu jibdew f'Settembru 2026.

2.2.3. L-inizjattiva 'Star Gazing Event' possibbilment ser issir lejn l-aħħar ta' Awwissu 2026, bħalma saret is-sena l-oħra.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħtif mogħti.

**2.3.1. Sessjonijiet fuq it-Teknoloġija tal-Informatika (IT) fil-Komunità (K/16)**

2.3.2. Is-sitt sessjonijiet dwar it-Teknoloġija tal-Informattika offruti b'xejn mill-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA) lill-anzjani tal-lokalità. Dawn is-sessjonijiet kienu suċċess u ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-parteċipanti.

2.3.3. B'referenza wkoll għaċ-ċirkulari tal-AKL 049/26 dwar l-inizjattiva nazzjonali mnedija minn Malta Digital Innovation Agency (MDIA) dwar 'AI for All', il-Kunsill wera l-interess li dawn is-sessjonijiet isiru anke fl-uffiċċju tal-Kunsill għall-benefiċċju ta' dawk kollha interessati.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4) (V/1 Vol II)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità ser issir nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Awwissu 2023 fil-5.30pm.

2.4.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg talab li possibbilment il-Pulizija tal-Komunità jagħmlu patrolling fl-inħawi tal-Bajja tal-Armier iż-Żgħir peress li hemm numru ta' caravans ipparkjati fuq il-blat.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Inizjattiva 'Libreriji fl-Apert' (L/4 Vol IV)**

2.5.2. Dwar din l-inizjattiva, ġie issuġġerit li jsir kuntatt mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu sabiex possibiliment issir l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-'Librerija fl-Apert' li twaħħlet riċentement fil-playing field ta' Triq l-Erwieħ.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.6.2. Ser ikun hemm waqfa tas-sessjonijiet imsemmija waqt ix-xhur tas-sajf. Is-sessjonijiet tal-qari jerġgħu jibdew f'Settembru 2026.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Inizjattiva 'Zokkor fuq iz-Zuntier' (K/16)**

2.7.2. L-inizjattiva msemmija li l-għan tagħha huwa mmirat biex tinħoloq aktar kuxjenza dwar id-Dijabete u l-Hypertension, ser issir nhar il-Ħadd, 2 ta' Awwissu 2026 bejn id-9.00am u nofsinhar f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Żjara minn Delegazzjoni u Grupp ta' Studenti minn Comune di Cavriglia (K/1/5/4 Vol IV)**

2.8.2. Is-Sindku G. Micallef fl-assenza tal-Kunsillier E. Bartolo ħa din l-opportunità sabiex jirringrazzja lill-membri tal-istaff kif ukoll lill-membri tal-Kunsill li għamlu ż-żjara tad-delegazzjoni uffiċjali u tal-istudenti Taljani suċċess.

2.8.3. Huwa qal li mill-kummenti pożittivi li huwa rċieva min-naħa tagħhom, jidher li lkoll ħadu gost b'dak kollu li l-Kunsill ħejja għalihom waqt din iż-żjara.

2.8.4. Huwa xtaq jirringrazzja partikularment lill-Kunsillier E. Bartolo u lill-Uffiċjal Klerikali Ms Petra Caruana li flimkien ippreparaw u kkordinaw il-programm ta' din iż-żjara.

2.8.5. Dwar iż-żjara li delegazzjoni tal-Kunsill ser tagħmel flimkien mal-kor tal-Għaqda Mużikali Imperial f'Cavriglia bejn is-17 u t-22 ta' Settembru 2026, kien hemm qbil li d-delegazzjoni uffiċjali tkun komposta mill-Kunsilliera K. Buttigieg, L. Darmanin u J. Cauchi u kemm-il darba l-Kunsillier K. Buttigieg ma jkunx jista' jattendi jmur minfloku membru tal-istaff.

2.8.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)**

3.1.2. Dwar il-proġett imsemmi, is-Sindku G. Micallef qal li fil-21 ta' Lulju 2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand Project Green li fiha talbu li ssir it-tieni varjazzjoni tal-kuntratt (MLH002 Var 2), wara talba li saret mill-kuntrattur Derek Garden Centre.

3.1.3. Fil-fatt, is-Sindku qal li l-kuntrattur din id-darba qed jitlob li ssir il-'Financial Modification Request'li tidher hawn taħt kif ukoll talab li l-kuntratt jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra:

| VARIATION No. 02 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ITEM No. | Description | Qty | Unit | Rate | Total (Excl. VAT) |
| 1. | Hire of certified high-reach cherry picker (incl. operator) | 1 | Day | €250 | €250 |
| | Lifting equipment, rigging gear and accessories | 1 | No. | €900 | €900 |
| | Skilled labour team (3 operatives) | 1 | Day | €900 | €900 |
| | Loading, transport and carting away | 1 | No. | €250 | €250 |
| | Health & Safety measures, PPE, barriers and signage | 1 | No. | €250 | €250 |
| | Traffic management and pedestrian protection | 1 | No. | €250 | €250 |
| | Final site clean-up and reinstatement | 1 | No. | €100 | €100 |
| | | | | | |
| | | | | TOTAL SUM (Excl. VAT) | €2,900.00 |

3.1.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-ġustifikazzjoni wara din it-talba kienet li fil-qatgħa fejn qed isir ix-xogħol, kien hemm arbli b'servizzi tal-Melita plc kif ukoll instab cable tal-Korporazzjoni Enemalta li kellhom jiġu ri-allokati għal barra mill-qatgħa fejn qed jinbena l-ġnien propost. Dan ikkawża dewmien fix-xogħlijiet u spejjeż addizzjonali li ma kinux koperti fil-kuntratt. Għal dan il-għan, il-kuntrattur qed jitlob estensjoni ta' sitt ġimgħat pero' Project Green aċċettaw biss ġimgħatejn u l-Financial Modificiation imsemmija.

3.1.5. Fid-dawl li l-ġustifikazzjoni mogħtija kemm fir-rigward tal-Financial Modification u l-estensjoni taż-żmien ta' ġimgħatejn hija ġustifikabbli, is-Sindku qal li kemm-il darba l-Kunsill jaqbel, tingħata l-approvazzjoni meħtieġa.

3.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li japprova din il-varjazzjoni.

### 3.2.1. Installazzjoni ta' Cameras tas-Sigurtà (C/9)

3.2.2. Dwar iż-żewġ cctv cameras li ser jitwaħħlu f'Santa Maria Estate, is-Sindku għarraf li kif għarraf fis-seduta preċedenti:

(i) Is-cctv camera fejn De La Salle Retreat Centre ser titwaħħal fuq arblu eżistenti; filwaqt li
(ii) Għas-cctv camera fil-bidu ta' Triq Għajn Żejtuna, twaħħal l-arblu li fuqu ser teħel il-camera.

3.2.3. Dwar is-CV Cameras fil-Manikata, is-Sindku qal li l-kuntrattur lesta l-installazzjoni tal-cameras u bagħat invoice li għandha tiġi ċċertifikata mill-Inġinier responsabbli.

3.2.4. Dwar is-cctv cameras fl-entraturi tal-Mellieħa, is-Sindku għarraf li l-kuntrattur Alberta Fire & Security Equipment Ltd lesta wkoll l-installazzjoni tal-erba' cameras u huma funzjonabbli.

3.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1 Il-Librerija Pubblika tal-Mellieħa (L/4/Vol IV)

3.3.2. Dwar il-librerija pubblika, is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-26 ta' Ġunju 2026 huwa bagħat imejl lill-Onor. Byron Camilleri – Ministru għall-Eduzzjoni u l-Isport fejn talab li l-Kunsill jingħata pre-fabricated classroom kif kien ġie mwiegħed mill-Ministru ta' qabel, sabiex ikun possibbli li ssir riallokazzjoni tal-librerija pubblika sakemm tinbena l-iskola primarja mill-ġdid. Huwa qal li imejls oħra bħala tfakkira ntbagħtu fl-20 u fit-28 ta' Lulju 2026. Sfortunatament s'issa, huwa qal li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda komunikazzjoni dwar din it-talba. Huwa għarraf ukoll li fl-14 ta' Lulju 2026 saret anke Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

3.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jinsab inkwetat u mħasseb dwar il-librerija pubblika u jibża' li sfortunatament il-Kunsill mhu ħa jasal imkien jekk mhux ħa joħroġ bi proposta l-Kunsill stess. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa qed jipproponi li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jixtri pre-fabricated classroom, li tista' tiġi ffinanzjata mid-Development Planning Fund. Il-ħsieb, qal is-Sur J. Buttigieg huwa li l-Kunsill jixtri hu stess il-pre-fabricated classroom u tintuża għar-riallokazzjoni tal-librerija pubblika sakemm din terġa' ssib postha fl-iskola 'l ġdida u wara tintuża bħala store tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li l-Awtorità tal-Ippjanar m'għandhiex isib oġġezzjoni li l-Kunsill juża l-fondi tad-DPF għal dan il-għan. Dwar il-post fejn il-pre fabricated classroom ser titpoġġa wara li ma tibqax tintuża bħala librerija pubblika, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob permess biex din titpoġġa f'Tat-Tomna – jew fil-parti tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jew fil-parti fejn hemm il-Cleansing and Maintenance Division. Is-Sur J. Buttigieg qal li anke hawnhekk huwiex mhuwiex jara diffikultajiet biex jintlaħaq kompromess peress li dawn iż-żewġ dipartimenti jaqgħu taħt l-istess Ministeru – il-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi li jinkorpora wkoll is-CMD. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa mhux jistenna li l-Kunsill jieħu deċiżjoni l-lejla imma forsi wieħed jaħseb fuq din il-proposta.

3.3.3. Is-Sindku G. Micallef qal li għalkemm il-proposta tal-Kunsillier J. Buttigieg hija waħda valida u jaqbel li l-Kunsill għandu jibda jesplora din il-possibiltà, iħoss li huwa nġust li l-Kunsill ikollu jerfa' din ir-responsabbiltà.

3.3.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li jekk kif ġie ikkonfermat li l-Kunsill għandu bżonn li jkollu store, il-Kunsill ikun jaqbillu aktar finanzjarjament li jixtri pre fabricated classrom minflok garaxx.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jibda jesplora din il-possibiltà.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2025 u r-Risposta tal-Kunsill;
- Agenda tal-Board Meeting tal-Majjistral Nature and History Park tat-23 ta' Lulju 2026;
- Minuti tal-Board Meeting tal-Majjistral Nature and History Park tad-9 ta' Frar 2026;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 28/07/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 21/06/2026 – 28/07/2026;
- Skeda ta' Petty Cash – 25/05/2026 – 10/07/2026;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Attività Sportiva bil-kollaborazzjoni tal-Malta Football Association (S/4/2 Vol V)

5.1.2. Dwar l-attività msemmija, is-Sindku G. Micallef qal li minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex din l-attività sportiva tiġi parti mill-Iljieli Melleħin ta' din is-sena, huwa ssuġġerixxa li din tiġi posposta għal aktar tard matul is-sena. Dan biex ikun hemm żmien biżżejjed biex issir il-kordinazzjoni meħtieġa.

5.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.2.2. Dwar il-proġett ta' lampi ġodda fit-toroq imsemmija, is-Sindku G. Micallef qal li tlestew ix-xogħlijiet fi Triq Edward Camilleri, Triq il-Padrun u Triq il-Peprin u twaħħlu l-lampi l-ġodda. Dwar Triq il-Peprin, huwa qal li ma kienx hemm il-ħtieġa li tinqala' l-bankina biex isiru x-xogħlijiet neċessarji, peress li kien hemm service culvert eżistenti li ntuża għal dan il-għan. Huwa qal li l-pass li jmiss huwa li l-Kunsill jissottometti l-STL Applications lill-Korporazzjoni Enemalta biex dawn il-lampi jinxtegħlu.

5.2.3. Dwar il-proġett ta' lampi ġodda fi Triq il-Kbira, is-Sindku qal li l-Perit inkarigat għad irid jipprepara block plan skont ir-rekwiżiti li talbu Transport Malta.

5.2.4. Dwar Triq il-Kbira, il-Kunsillier John Buttigieg staqsa jekk peress li l-bankina hija wiesgħa, hemmx il-ħtieġa li din tinqala' kollha biex isiru dawn ix-xogħlijiet. Huwa ssuġġerixxa li possibbilment tinqala' biss il-parti meħtieġa. Dwar dan is-suġġeriment, intlaħaq qbil li l-Kunsill jiċċara dan il-punt ma' Transport Malta.

5.2.5. Il-Viċi Sindku Matthew Borg Cuschieri xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex jirrimarka li l-bozoz tat-tip LED li nbiddlu mill-Korporazzjoni Enemalta bħala parti mill-proġett tagħha 'Retrofitting' jagħtu wisq dawl u f'ċertu ċirkustanzi qed joħolqu inkonvenjenza lir-residenti. Huwa qal li l-Kunsill għandu jiċċekkja mal-kuntrattur responsabbli jekk hemmx xi soluzzjoni alternattiva f'każijiet fejn id-dawl ikun qed jirrifletti ġor-residenzi u joħloq inkonvenjenza.

5.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Sessjonijiet ta' Fitness u Pilates (E/3/1/11)

5.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill qed jirċievi talbiet minn diversi instructors li jixtiequ joffru sessjonijiet ta' Fitness u Pilates għall-benefiċċju tar-residenti tal-lokalità.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li joffri l-faċilitajiet tas-sala Joseph Borg.

### 5.4.1 Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol VI)

5.4.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri tkellem dwar l-inkonvenjenza li jikkawża l-iskart meta jiġi mgeddes.

5.4.3. Is-Sindku qal li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart jistipula li jista' jsir tgeddis sakemm dan jinġabar fi żmien ħmistax-il minuta.

5.4.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-problema tinqala' meta l-iskart idum ma jinġabar u meta l-gzuz ikunu qed jostakolaw l-aċċessi ta' garaxxijiet, eċċ.

5.4.5. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana ngħata l-permess biex jibda joħroġ il-multi lill-kuntrattur fejn ikun hemm il-ħtieġa.

5.4.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1 Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.5.2. Dwar il-proġett tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar, is-Sindku G. Micallef għarraf li lbieraħ it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2026 sar onsite meeting li għalih attendew flimkien miegħu l-Perit Joseph Attar, il-kuntrattur North 2 South Ltd, is-sub contractor li huwa l-istess kuntrattur li ħadem il-pavimentar kollu meta sar il-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa, is-Sur Andrew Farrugia li għandu residenza f'dan it-taraġ u s-Sur John Grima f'isem Square Bistro Bar.

5.5.3. Is-Sindku għarraf li l-pjan huwa li sal-Festa tal-Vitorja x-xogħlijiet jitlestew kollha fil-parti bejn Misraħ il-Parroċċa u l-pjazzetta quddiem l-Uffiċċju Parrokkjali. Mill-1 ta' Ottubru 2026, titkompla l-parti minn fejn ix-xelters sa Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Fuq din il-parti tal-proġett, is-Sindku qal li l-kuntrattur għad m'għandux informazzjoni jekk il-Korporazzjoni Enemalta hux ser tkun qed tinkorpora ma' dan il-proġett, il-bini ta' sub station ġdida.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (F/1/7 Vol XIII) (R/2/Vol III)

5.6.2. Is-Sindku għarraf li dwar ix-xogħol ta' restawr tat-tieni sett ta' skulturi 'Labyrinth City Monument' maġenb il-Knisja tal-Manikata, qed jiġi mħejji Works Method Statement li appena jitlesta jrid jiġi approvat minn K.P.K.K. qabel ma jkunu jistgħu jitkomplew ix-xogħlijiet.

5.6.3. Huwa għamel referenza wkoll għall-iskema ta' finanzjament mnedija mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali bir-referenza SPI.SCI. 5.2025 – Komunitajiet aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità, fejn ikkonferma li l-Kunsill ipparteċipa f'din l-iskema billi ssottometta applikazzjoni biex possibiliment jikseb fondi għall-proġett tat-turġien Triq l-Isqof Pace u Triq Gorg Borg Olivier.

5.6.4. Huwa rrefera wkoll għall-iskema ta' finanzjament SPI.SCI.4.2026 - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, fejn il-Kunsill issottometta applikazzjoni sabiex issir manutenzjoni tal-parapett f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

5.6.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.7.1 Ramla Bay Regatta 2026 (S/4/2 Vol V)

5.7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 3 ta' Lulju 2026 minn Royal Malta Yacht Club dwar l-organizazzjoni ta' Ramla Bay Regatta bejn id-19 u l-21 ta' Settembru 2026. Huwa qal li l-Kunsill intalab jagħti n-no objection għal dan l-avveniment.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Kompetizzjoni tat-Tajr (A/5/3/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġeriet li ssir kompetizzjoni tat-tajr anke jekk din l-inizjattiva tkun abbinata ma' inizjattiva oħra.

5.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-passat din il-kompetizzjoni kienet issir f'Jum l-Ambjent fl-inħawi tat-Torri l-Aħmar.

5.8.4. Is-Sindku G. Micallef qal li din l-inizjattiva l-Kunsill jista' jabbinaha mal-Festa tal-Qara' jew f'Jum it-Tfal.

5.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.9.1. PA 00818/26 (PA 02731/24) - |Żvilupp Agri-Turistiku fl-Inħawi Tat-Tomna (P/5/8/T)

5.9.2. B'referenza għall-applikazzjoni tal-iżvilupp imsemmija, is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill permezz tal-Perit Carmel Cacopardo ġie nfurmat li saret reviżjoni ta' xi drawings. Min-naħa tiegħu nforma lill-Perit li kemm-il darba l-bażi tal-applikazzjoni għadha l-istess, il-Kunsill jerġa' jtenni l-posiżżjoni u r-rakkomandazzjoni tiegħu.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa ppjanati li jerġgħu jibdew f'Novembru 2026, is-Sindku għarraf li l-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-komunità kummerċjali bil-għan li ikun hemm żmien biżżejjed biex wieħed ikun mgħarraf dwar kif ser ikunu mqassma x-xogħlijiet partikularment peress li issa x-xogħlijiet ser isiru fi Triq Gorg Borg Olivier fejn l-aktar hemm konċentrazzjoni ta' stabbilimenti kummerċjali.

5.10.3. Is-Sindku G. Micallef qal li s-Sur Paul Zahra f'isem il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kkonferma li appena jiġi konkluż il-pjan kif ser isiru x-xogħlijiet, tkun tista' ssir din il-laqgħa. Huwa ttamat li l-laqgħa ssir sal-aħħar ta' Awwissu 2026.

.

5.10.4. Il-Kunsilliera C. Castillo ssuġġerit li meta jerġgħu jibdew ix-xogħlijiet f'Novembru li ġej u terġa tibda tintuża l-Bus Stop fi Triq Edward Camilleri, ikun ideali li l-Kunsill iwaħħal tabelli li jindikaw id-direzzjoni ta' postijiet importanti, għall-benefiċċju partikularment tat-turisti li jkunu l-Mellieħa għall-btajjel tagħhom.

5.10.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li minn kummenti li rċieva mingħand sidien ta' stabbilimenti kummerċjali, il-fatt li t-trasport pubbliku ma jgħaddix mit-toroq prinċipali, il-ħwienet innutaw li l-kumerċ jonqos minn meta t-trasport pubbliku jgħaddi mit-toroq prinċipali.

5.10.6. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li meta t-trasport pubbliku beda jgħaddi mill-bypass, l-attività fit-toroq prinċipali kienet kwieta għall-aħħar.

5.10.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li għalhekk il-proposta tal-Bus Interchange f'Selmun hija waħda tajba għaliex għalkemm ċertu rotot tat-trasport pubbliku ser jgħaddu mill-bypass, ir-rotot prinċipali xorta waħda ser jibqgħu jgħaddu mit-toroq prinċipali. Huwa qal ukoll li l-parking propost fl-iskola 'l ġdida wkoll ser jgħin biex sewwieqa jevitaw li jipparkjaw fi Triq Gorg Borg Olivier.

5.10.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li s-soluzzjoni tista' tkun sistema ta' traffic lights li jaħdmu bl-AI (Intelliġenza Artifiċjali) kif kien diġa' ppropona. Sistema li twaqqaf il-karozzi tal-linja milli jipproċedu sakemm karozzi oħra tal-linja jitilgħu jew jinżlu minn Triq Gorg Borg Olivier.

5.10.9. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-konġestjoni tat-traffiku partikularment bejn id-9.00am u l-11.30am, ma joħolquhiex il-karozzi tal-linja biss, iżda anke trakkijiet kbar tad-delivery kif ukoll coaches li jgħaddu biex jiġbru n-nies mil-lukandi.

5.10.10. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-fatt li l-Kunsill għandu appell għaddej dwar il-proposta ta' Bus Interchange f'Selmun, u wieħed għandu jistenna l-eżitu tiegħu.

5.10.11. Dwar il-Bus Stop 'Ruman' u n-nuqqas ta' sigurtà li kien hemm għal min kien jużah, is-Sindku qal li Transport Malta qed tikkunsidra pożittivament il-proposta tal-Kunsill li jkun hemm bus stop temporanju mad-dawra tar-roundabout fid-daħla tal-Mellieħa.

5.10.12. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tieħu din l-opportunità biex possibbilment il-Kunsill jerġa' jibgħat tfakkira lil Transport Malta dwar il-ħruġ u d-dħul għall-Mistra minħabba l-periklu li hemm.

5.10.13. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Dwar il-proġett 'Different Stories, One Community - Voice of Mellieħa through Youth-Led Intercultural Connections', il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-ewwel attività saret nhar it-Tnejn 29 ta' Ġunju 2026 fis-sala Joseph Borg u kienet suċċess. Huwa qal li din l-attività kienet ċelebrazzjoni ta' kulturi differenti fejn madwar mejda ltaqgħu persuni ta' nazzjonalitajiet differenti flimkien ma' numru ta' anzjani li apprezzaw ferm din l-inizjattiva. Is-Sur J. Cauchi qal li waqt l-attività saret spezzjoni minn rappreżentanti tal-EUPA li għalkemm apprezzaw il-ħidma partikularment tal-Youth Leader Ms Stefanie Vella, saħqu li jrid ikun hemm iktar il-preżenza taż-żgħażagħ u li jkunu ż-żgħażagħ nfushom li jieħdu l-inizjattivi tal-oranizazzjoni tal-attivitajiet. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill jista' jkun ippenalizzat.

5.11.3. Is-Sur J. Cauchi qal li l-Kunsill ħa nota tas-suġġerimenti li saru mill-EUPA u flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qed isiru diversi tentattivi sabiex possibilment sa nofs Awwissu 2026, jifforma kumitat magħmul kollu kemm hu miż-żgħażagħ bil-għan li dan il-kumitat jibda jiltaqa' u jibda jippjana l-attivitajiet li fadal li jridu jsiru. It-tieni attività fil-fatt ser tkun tikkonsisti f'Movie Screening/Workshop u diġa' bdew il-preparamenti meħtieġa. It-tema ser tkun 'L-Inklużjoni'. Intqal li ż-żgħażagħ iridu jkunu l-pijunieri ta' dan il-proġett u għal dan il-għan talab lill-membri preżenti sabiex jekk ikunu jafu b'żgħażagħ li huma interessati, iħeġġuhom japplikaw.

5.11.4. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf ukoll li saret emenda fid-data ta' meta beda l-proġett u d-data l-ġdida hija Mejju 2026. Dan ifisser li l-proġett għandu jiġi fi tmiemu f'Marzu 2027.

5.11.5. Is-Sur J. Cauchi xtaq jieħu din l-okkażjoni wkoll biex jgħarraf li l-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fis-'Solidarity Projects Annual Celebration Event' li l-EUPA qed torganizza fis-7 ta' Awwissu 2026. Huwa qal li peress li din l-attività ser taħbat mal-Lejla Selmunija, huwa talab li jiġi skużat.

5.11.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. It-Tletin Sena Anniversarju mill-Iffirmar ta' Ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Adenau (K/1/5/Vol V)

5.12.2. Dwar l-istedina li s-Sindku ta' Adenau għamel lill-Kunsill biex jiġi kkommemorat l-anniversarju msemmi, is-Sindku qal li l-Kunsill għad irid jiddeċiedi minn min ser tkun komposta d-delegazzjoni li ser titla' Adenau f'Ottubru li ġej biex il-Kunsill ikun jista' jikkonferma d-dettalji mal-Kunsill t'Adenau.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. Ingaġġ ta' Clerical Officer fi Skala 15 (P/7/1/Vol XVII)**

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef fakkar li l-ewwel sejħa pubblika għall-Clerical Officer fi Skala 15 għalqet nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju 2026. Il-Kunsill irċieva tnax-il applikazzjoni u għarraf li l-Bord tal-Intervisti ser ikun qed jiltaqa' dalwaqt sabiex isiru l-intervisti lil dawn il-kandidati.

5.13.3. Sadanittant, il-Kunsill ingħata l-permess neċessarju biex joħroġ it-tieni sejħa fost il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali biex jiġi ngaġġat it-tieni Clerical Officer fi Skala 15, madanakollu l-Kunsill ma rċieva l-ebda applikazzjoni. Għal dan il-għan, il-Kunsill ingħata l-permess biex joħroġ sejħa pubblika.

5.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.14.1. Laqgħa ma' Selmun Sports Club (G/1)**

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 12 ta' Lulju 2026, mingħand Selmun Sports Club li talbu li l-Kunsill jaġġornahom primarjament fuq dawn il-punti:

- Resurfacing of the multi-purpose court.
- Installation of a new, suitable perimeter fence.
- Improved security and controlled access to the court.
- Refurbishment of the rooms beneath the multi-purpose court.
- Allocation of court's time slots with the netball team and any other third-party users.
- Renewal of the three-year agreement between Selmun Sports Club and the Mellieħa Local Council.

5.14.3. Għal dan il-għan, ġiet iffissata laqgħa għal għada l-Ħamis, 30 ta' Lulju 2026 fil-5.30pm.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)**

5.15.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin qalet li l-laqgħa fuq is-sit ma' Delta Projects saret nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2026 kif ippjanat. Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll il-Kunsillier E. Bartolo, il-Perit M. Casha flimkien mal-Project Manager u d-Direttur ta' Delta Projects Ltd.

5.15.3. Madanakollu, hija qalet li hekk kif appena waslu fuq il-post, indunaw li t-trejqa li fuqha kien ser isir l-intervent, kien diġa' sarilha intervent u ġiet mogħtija l-konkos.

5.15.4. Minn sorsi li nzertaw kienu fuq il-post, il-Kunsill ġie mgħarraf li riċentement il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet għamlet xogħol f'din it-trejqa fejn inbidel il-main tad-drenaġġ u wara l-wiċċ tat-triq ġie miksi bil-konkos.

5.15.5. Kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni li l-Kunsill jinforma b'mod immedjat lill-Managing Authority u lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali b'dawn l-iżviluppi, u qed jistenna gwida min-naħa tagħhom dwar kif il-Kunsill għandu jipproċedu f'ċirkustanzi bħal dawn.

5.15.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1. Sejħiet għall-Offerti (K/6)

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li :

(i) Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 04/2026 – Manikata Parish Church Architectural Lighting, l-Inġinier ipprepara r-rapport tekniku li jista' jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat t'Evalwazzjoni;
(ii) Fis-6 ta' Lulju 2026 għalqet is-Sejħa għall-Offerti għall-Ġbir ta' Skart Goff u kien hemm ħames sottomissjonijiet;
(iii) Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 06/2026, dwar ix-Xiri ta' Electric Van li għalqet fil-21 ta' Mejju 2026, huwa qal li l-Procurement Section fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali nnutat il-ġustifikazzjonijiet tal-Kunsill u tat il-parir tagħha li l-Kunsill jitlob permess għal Direct Order;
(iv) Is-Sejħa għall-Offerti 'Design, Layout and Printing of the Council Newsletter and Book Binding' għalqet fis-27 ta' Lulju 2026 u kien hemm sottomissjoni waħda;
(v) Ġiet ippubblika wkoll is-Sejħa għall-Offerti dwar il-'Christmas Lights Decorations' li tagħlaq fis-6 ta' Awwissu 2026;
(vi) Sadanittant qed isir drafting tas-sejħiet għall-offerti dwar it-Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq Gorg Borg Olivier, it-Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq l-Isqof Pace, il-'Construction of Bus Shelters Bases' u l-Installazzjoni ta' Fanali Ornamentali fit-Toroq fil-Qalba tar-Raħal.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Laqgħa dwar l-Arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp u l-Festa tal-Vitorja (F/2 Vol VIII)

5.17.2. Dwar il-laqgħa marbuta mal-arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja, is-Sindku għarraf li l-laqgħa dwar l-arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja ser issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Awwissu 2026 fil-5.30pm.

5.17.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex jissuġġerixxi, li l-Kunsill din is-sena jerġa' jippromwovi l-użu tat-tazzi tax-xorb reusable matul il-jiem tal-festa. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jintroduċi xi tip ta' dispenser tal-ilma għal żmien il-festa. Madanakollu, il-Kunsilliera C. Castillo qalet li jista' jkun, li l-istabbilimenti kummerċjali jilmentaw għax din l-inizjattiva ittellef mill-bejgħ tagħhom.

5.17.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri semma wkoll l-automatic bollards ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u l-possibiltà li dawn jitneħħew u jsiru bollards bħalma hemm f'Misraħ il-Parroċċa.

5.17.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. Il-Jum Dinji tal-Kant (World Singing Day) (A/5/3/Vol XVI)

5.18.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li fis-17 t'Ottubru 2026 jiġi ċċelebrat il-Jum Dinji tal-Kant u għaldaqstant xtaq jissuġġerixxi li din l-inizjattiva tiġi abbinata flimkien mal-Jum iddedikat għas-Saħħa Mentali peress li dan jiġi ċċelebrat f'Ottubru wkoll. Huwa qal li din l-inizjattiva tista' ssir bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet lokali fejn ir-residenti jingħaqdu flimkien permezz tal-kant.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Xquq Perikolużi fl-Irdumijiet u fiż-Żoni Kostali (X/1/1)**

5.19.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Perit Lino Micallef li offra li huwa flimkien mat-tim tiegħu jagħmlu studju dwar xquq perikolużi fl-irdumijiet u fiż-żoni kostali tal-Mellieħa u l-inħawi.

5.19.3. Is-Sindku G. Micallef qal li s'issa kull meta l-Kunsill ġie mgħarraf b'xi periklu ta' dan it-tip, kien qed jagħmel rapport mad-Dipartiment tal-Pulizija li min-naħa tagħhom jiftħu rapport dwar 'Dangerous Structure' u immedjatament ikunu nfurmati bil-każ primarjament Perit tal-Gvern li jmur fuq il-post u jagħmel rapport dettaljat fuq il-każ u l-entitajiet kollha konċernati.

5.19.4. Madanakollu, il-Kunsill qabel li l-Perit Lino Micallef jibgħat email lill-Kunsill bil-ħsieb tiegħu sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwah.

5.19.5. Fuq nota oħra, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li hemm struttura li qed tiġġarraf fl-inħawi tal-Qortin madanakollu, is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien diġa' għamel rapport fuqha lill-awtoritajiet konċernati.

5.19.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-Mellieħa (W/2/Vol IV)**

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tkun qed tagħmel xogħol t'emerġenza permezz tal-Permess RWP1-0947-26 fi Triq l-Għorgħar, Triq it-Tgħam, Triq San Mikiel u parti minn Triq il-Fortizza.

5.20.3. Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet jikkonsistu fi tqegħid u l-konnessjoni ta' mains ġodda tal-ilma u l-Kunsill talab li jingħata akar informazzjoni sabiex ikun jista' jinforma lir-residenti. Ix-xogħlijiet huma ppjanati li jdumu madwar tmien ġimgħat iżda l-aċċess ta' garaxxijiet li jinsabu f'dawn fl-inħawi ser jibqa'.

5.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.21.1. Murali f'Turġien Pubbliċi (A/5/3/Vol XVI)**

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa ġie avviċinat minn resident li lest li joħloq murali f'turġien u ħitan pubbliċi bħall-ħajt li hemm fi Triq il-Kappillan Magri kif titla' t-taraġ fil-parti fejn tagħlaq, il-ħajt tad-dawra ta' Ġnien iż-Żerniq u t-taraġ tal-playing field ta' Triq l-Erwieħ.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li ssir konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill dwar jekk hemmx bżonn xi tip ta' permessi għall-inizjattivi simili u x'materjal l-aħjar li jintuża sabiex iż-żebgħa ddum kemm jista' jkun kif ukoll li l-Kunsill ikun infurmat x'disinni ser isiru.

**5.22.1. Żjara l-Vatikan (A/2 Vol XII)**

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet f'diskussjonijiet mal-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Frank Zammit, Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede, dwar il-possibbiltà li tiġi organizzata udjenza mas-Santità Tiegħu l-Papa Iljun XIV għall-grupp ta' Sindki Maltin fil-Belt tal-Vatikan. Jidher li din l-inizjattiva ntlaqgħet b'mod pożittiv u ż-żjara se ssir bejn l-20 u t-22 ta' Ottubru 2026.

5.22.3. Is-Sindku qal li huwa qed jikkunsidra li jmur u xtaq li l-Kunsill ikun infurmat, peress li hemm l-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni, inklużi l-biljetti tal-ajru, l-akkomodazzjoni u kwalunkwe Daily Subsistence Allowance (DSA), li jridu jitħallsu mill-Kunsill Lokali.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Filming tal-Film "De Bevers: Alles Voor De Fans!" fil-Mellieħa (A/6/3 Vol X)

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva talba mingħand Do Productions u Gates Pictures sabiex jingħataw il-permessi neċessarji biex isir filming fil-Mellieħa fil-15 u fid-19 ta' Settembru 2026.

5.23.3. Huwa qal li fil-15 ta' Settembru 2026, il-filming ser isir fi Triq Tal-Prajjiet, fi Triq Tad-Dahar u fi Triq l-Armier filwaqt li fis-17 ta' Settembru 2026, il-filming ser isir bejn id-9.00am u s-2.00pm fil-qalba tar-raħal fosthom fi Triq Ġnien Ingraw, Triq il-Mitħna l-Ġdida u Misraħ il-Parroċċa.

5.23.4. Wara komunikazzjoni mas-Sur Slavko Vukanovic – il-persuna responsabbli mil-loġistika, ġie kkonfermat li għalkemm fil-qalba tar-raħal ser isir filming ta' xena ta' 'car chase', il-vetturi ser ikunu qed isuqu bit-30km, imbagħad bl-effetti jagħmluha tidher aktar mgħaġġla. Huwa qal li aċċess għar-residenti ħa jibqa', ser ikun hemm is-sorveljanza mill-Pulizija, ser isir kuntatt mal-istabbilimenti tal-pjazza anke mar-residenti biex ikunu nfurmati.

5.23.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Stqarrijiet maħruġa mill-Kunsill (M/3 Vol III)

5.24.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jagħmel osservazzjoni dwar l-istqarrijiet li joħroġ il-Kunsill minn żmien għal żmien.

5.24.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li qabel ma stqarrija tiġi ppubblika, din għandha tintbagħat lill-membri tal-Kunsill sabiex jarawha. Huwa qal li l-aħħar stqarrija li ħarġet kienet dwar il-librerija pubblika, u huwa personalment nduna biha għax fetaħ il-Facebook u raha. Huwa qal li jkun xieraq u prudenti, li l-membri tal-Kunsill ikunu nfurmati minn qabel. Huwa rrefera għall-kodiċi tal-etika fejn hemm stipulat dan li qiegħed jgħid. Huwa żied jgħid li jista' jagħti l-każ li xi membru tal-Kunsill ikun irid ibiddel jew iżid xi frażi mill-istqarrija.

5.24.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-istqarrija dwar il-librerija pubblika saret a bażi ta' dak li kien ġa kien ġie diskuss fis-seduta tal-Kunsill. Madanakollu, huwa qal li din l-osservazzjoni ser tiġi rrispettata.

5.24.5 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.25.1. Jum il-Kunsill 2026 (A/5/3/1)

5.25.2. Dwar l-edizzjoni ta' din is-sena ta' Jum il-Kunsill, il-membri kollha tal-Kunsill qablu li kienet ċerimonja sabiħa fejn spikkat il-parteċipazzjoni tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Dr Myriam Spiteri Debono.

5.25.3. Il-membri tal-Kunsill xtaqu li jsir ringrazzjament lil dawk kollha li ħadmu sabiex din iċ-ċerimonja għal darb'oħra tkun waħda memorabbli.

5.25.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li rċeviet talba sabiex iċ-ċerimonja tas-sena d-dieħla tkun streamed live biex persuni li ma jkunux jistgħu jattendu jkunu jistgħu jsegwu ċ-ċerimonja online. Hija ssuġġerita ukoll li f'okkażjonijiet bħal dawn li jsiru fix-xhur sħan tas-sajf, il-Kunsill jista' jikkunsidra jqassam xi ilma lill-parteċipanti.

5.25.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. Twaqqif ta' Fencing fi Ġnien il-Qigħan (P/5/2)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi ma' Caremalta Ltd dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-parti ta' Ġnien il-Qigħan fejn ingħalqet b'fencing.

5.26.3. Is-Sindku G. Micallef qal li wara l-laqgħa li saret ma' Caremalta Ltd f'April li għadda, il-Kunsill kellu jagħmel proposta ta' kif il-Kunsill beħsiebu juża' din il-parti ta' Ġnien il-Qigħan. Is-Sindku qal li l-ġustifikazzjoni mogħtija mis-Sur Zaren Vassallo dwar il-għaliex din il-parti tal-ġnien ingħalqet għall-pubbliku kienet, minħabba negliġenzi min-naħa tal-Kunsill fejn tidħol manutenzjoni, il-ħsara li kienet qed tiġi kkawżati fis-swali li hemm taħtha u l-investiment li kellha tagħmel Caremalta Ltd sabiex sewwiet il-ħsara u l-post reġgħet ġabitu kif inhu llum. Huwa qal li madanakollu, Caremalta Ltd kienu lesti li din il-parti tal-ġnien tinfetaħ kull meta jkun hemm il-bżonn, u offrew anke li jkun hemm security a spejjeż tagħhom. Is-Sindku kompla billi qal li Caremalta Ltd qed tinsisti li din il-parti ma tkunx miftuħa għall-pubbliku 'l ħin kollu u mingħajr superviżjoni, għax hekk tkun qed tagħti lok għall-vandaliżmu.

5.26.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li ssir laqgħa apparti bejn il-membri tal-Kunsill anke possibilment fuq il-post biex jiġu diskussi ideat u ħsibijiet.

5.26.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.27.1. Tindif tal-Għajn tal-Mellieħa (K/6/3 Vol V)

5.27.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg tkellem dwar l-istat t'abbandun li tinsab fih l-Għajn tal-Mellieħa li huwa dnub peress li hija waħda mill-aħħar li fadal.

5.27.3. Is-Sindku G. Micallef qal li qed issir pressjoni fuq il-kuntrattur konċernat sabiex ix-xogħlijiet ta' tindif jibdew mill-aktar fis u huwa stess ser jassigura li dan iseħħ.

5.27.4. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tieħu din l-opportunità biex titlob li jsir tindif ukoll ta' Triq il-Kappella tal-Militar u t-toroq fiż-żona tal-Għoljiet tal-Mellieħa.

5.27.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.28.1. Xogħol ta' Restawr ta' Girna li tinsab fi Triq l-Armier (R/2)

5.28.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Ambjent Malta sabiex possibbilment il-girna li hemm fi Triq l-Armier kif taqbeż Triq Ta' Msid, tiġi rrestawrata u tiġi salvata milli tkompli tiġġarraf.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.29.1. Xogħlijiet ta' Manutenzjoni minn Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA) (T/12 Vol IV)

5.29.2. Dwar xogħlijiet ta' manutenzjoni minn TZRA fil-Mellieħa, is-Sindku għarraf li tlestew ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-belveder fi Triq Ġnien Ingraw u beda x-xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien l-Għoljiet.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.30.1. Lejla Selmunija 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.30.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kif kien diġa' ġie kkomunikat, il-Lejla Selmunija ser issir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu 2026.

5.30.3. Il-programm tas-serata ser ikun jikkonsisti kif ġej:
- Interventi mużikali minn Laetitia Trioisi De Menville fuq l-Arpa u l-vjolinista Stephen Scerri;
- Il-parti letterarja qed tiġi kkordinata mis-Sur Steve Cachia;
- żfin tradizzjonali Malti mill-Grupp Folkloristiku Cittadella; u
- Makkjetti u għana minn JoMike u Lydon.

5.30.4. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm numru ta' stalls armati, artisti lokali li ser ipinġu tpinġijiet live dak il-ħin u stall tal-ikel u xorb mtella' mill-Grupp tal-Armar. Il-grupp Anakron ser jieħu ħsieb il-ftuħ u l-armar tal-irziezet u jekk jippermetti t-temp ser jinġiebu xi annimali mingħand is-Sur Michael Bartolo.

5.30.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.31.1. Laqgħa mal-LESA (W/3 Vol XII)

5.31.2. Dwar il-laqgħa bejn il-Kunsill u l-LESA, is-Sindku għarraf li l-Kunsill bagħat email lil LESA u qed jistenna li jiġu identifikati xi dati konvenjenti għaż-żewġ partijiet biex din il-laqgħa tkun tista' ssir.

5.31.3. Madankollu, is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara x'ħa jkunu dawk il-punti li ser jiġu diskussi biex titfassal aġenda u enfasizza li huwa bl-ebda mod mhu ser ixekkel il-ħidma tal-uffiċjali tal-LESA.

5.31.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li min-naħa tiegħu li jixtieq huwa li jkun infurmat bis-servizzi li l-LESA qed twettaq fil-lokalità tal-Mellieħa. Huwa qal li fost affarijiet oħra, jixtieq ikun jaf x'tip ta' ċitazzjonijiet qed jinħarġu jekk hux fuq parkeġġ illegali ta' vetturi biss jew inkella qed jinħarġu wkoll ċitazzjonijiet fuq rimi ta' skart illegali jew mhux skont l-iskeda nazzjonali. Huwa qal li fil-passat dan kien isir u jixtieq ikollu informazzjoni fuq il-funzjoni in ġenerali tal-LESA fil-lokalitajiet.

5.31.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.32.1. L-Iljieli Melleħin 2026 (A/5/3/5)

5.32.2. Dwar l-edizzjoni ta' din is-sena tal-Iljieli Melleħin, is-Sindku G. Micallef xtaq jirringrazzja lill-membri u l-istaff tal-Kunsill għax-xogħol kollu tagħhom. Huwa qal li sar ħafna xogħol minn qabel u apprezza l-kontribut u s-sapport ta' kulħadd. Fl-opinjoni tiegħu l-Iljieli Melleħin għal darb'oħra kienu suċċess u l-elementi kollha tal-lokalità li ġew ippreżentati ħarġu sabiħ.

5.32.3. Huwa xtaq jirringrazzja wkoll lill-għaqdiet lokali kollha kif ukoll lill-artisti, lill-persuni li armaw stalls lid-dilettanti tal-vetturi li ħadu sehem fil-wirja tal-vetturi u lil dawk kollu li pprovdew divertiment ta' kull tip għax dawn għenu biex min attenda kellu l-opportunità japprezza 'l ħafna talenti li l-lokalità hija mżewqa bihom.

5.32.4. Is-Sindku qal ukoll li l-ħasil tat-toroq li sar waqt l-Iljieli Melleħin sar wara li ntbagħtet talba lis-Sur Emil Vassallo u l-Kunsill għamel pressjoni biex it-toroq jinħaslu hekk kif hemm stipulat fl-MOU. Huwa xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jispjega li peress li d-Diviżjoni għall-Indafa u l-Manutenzjoni (CMD) għadha bla Direttur Ġenerali, wieħed irid jagħti ftit ċans sakemm l-affarijiet jerġgħu jiġu għan-normal.

5.32.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.33.1. Il-Kunċert Annwali tal-Festa mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6 Vol VII)

5.33.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 18 ta' Lulju 2026 mibgħut mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina, fejn il-Kunsill intalab jikkollabora fil-kunċert annwali li l-Għaqda torganizza fi żmien il-Festa tal-Vitorja.

5.33.3. Is-Sindku qal li huwa jissuġġerixxi li l-għajnuna tal-Kunsill għandha tkun bħal dik li ngħata lill-għaqdiedt mużikali u għaqdiet oħrajn jiġifieri li parti mill-għajnuna tingħata mill-fond allokat lill-Kunsill mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana u parti mill-fondi tal-Kunsil.

5.33.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li peress li din hija waħda mill-attivitajiet esterni ewlenin €2,500 jingħataw mill-fond tar-Reġjun u €500 jingħataw mill-fondi tal-Kunsill fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.34.1. L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2025 - mibgħuta mill-udituri tal-Kunsill (F/1/2/Vol IX)**

5.34.2. Għal din il-parti tas-seduta, attenda wkoll b'mod virtwali l-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea. Huwa irrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena Finanzjarja 2025, kif ukoll l-abbozz tat-tweġiba għaliha. Is-Sur D. Galea aċċenna li din is-sena ma kienx hemm Audit Adjustments. Huwa qal li l-punti kollha li tqajmu kienu ta' natura teknika u allura jittrattaw il-mod kif ċerti transazzjoni kellhom jiġu murija fil-kotba.

5.34.3. Is-Sur D. Galea qal li l-osservazzjonijiet li saru mill-udituri kienu osservazzjonijiet normali fil-fatt kien hemm affarijiet li jinkitbu kull sena. Saħansitra għadu jissemma' l-fatt li l-kotba tal-Kumitat Konġunt Tramuntana għadhom ma ngħalqux, iżda din il-materja l-Kunsill m'għandux kontroll fuqha.

5.34.4. Huwa qal ukoll li l-Kunsill huwa mitlub li jirrispondi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fi żmien sitt ġimgħat minn meta l-Ittra ta' Direzzjoni tintbagħat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

5.34.5. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba mressaq.

## 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri illi tgħid:

"Billi fl-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) għas-sena finanzjarja 2025, mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ġie osservat li hemm kontijiet li ntbagħtu diversi snin ilu u għadhom jidhru fuq il-kotba li huma:

**3.1 Overdue trade receivables**

The book of account includes the following overdue receivables for which no provision was made in the books of account:

| Debtor | € |
|---|---|
| Jake Borg | 351.80 |
| Go plc | 9.32 |
| | **361.12** |

The council should regularly review overdue receivables for recoverability and if so, chase these debtors by sending reminders for the long overdue amounts. If recoverability of these debtors remains doubtful, the council should also consider making a provision for doubtful debts in the books of account after obtaining council approval in a meeting.

Billi l-udituri nnutaw ukoll li hemm kont illi jammonta għal €13,207.74 li nħarġu lil WasteServ Malta Ltd liema ammonti baqgħu ma ġewx onorati;

Billi l-udituri kkummentaw li għadda żmien biżżejjed sabiex il-Kunsill jiddeċiedi x'jsir minnhom;

Fid-dawl tal-fatt li d-debitu dovut ma jidhirx li ser jitħallas, il-Kunsill jirriżolvi li ċ-ċifri msemmija jinqatgħu minn fuq il-kotba. (F/1/2)

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsilliera C. Castillo.

### 6.2.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku Gabriel Micallef, li tgħid:

"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 1999, twaqqfu l-onoreficenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;

Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin Preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fit-3 ta' Lulju 2026, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni, skond ir-rapport tal-istess Bord tat-8 ta' Lulju 2026, liema rapport ġie diskuss waqt is-laqgħa tal-Kunsill li ssejħet apposta fl-14 ta' Lulju 2026;

Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda", filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet;

Iżda billi l-kriterji jipprovdu wkoll li ex-Sindku u ex-Kunsillier li serva f'żewġ kunsilli huma eliġibbli għall-unur Ġieħ il-Mellieħa, kif ukoll li kunsillier li serva f'kunsill wieħed jikkwalifika għal "Rikonoxximent il-Mellieħa" li iżda din id-darba ma kienx hemm persuni li jikkwalifikaw;

Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali wieħed għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";

Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:

- Familja Aquilina – Volontarjat fi ħdan għaqda lokali;

filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":

- Is-Sur Josef Borg – Volontarjat fi ħdan għaqda mużikali;
- Is-Sur Anthony Cutajar – Volontarjat fil-qasam kulturali;
- Dr Saviour u Dr Salvina Borg – Kontribut indeskrivibbli fil-qasam mediku

Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa":

- Ms Tereża Vella –. Voluntiera fil-Parroċċa ta' San Ġużepp, il-Manikata

Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fil-laqgħa tal-14 ta' Lulju 2026, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tal-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026, fil-Bitħa tas-Santwarju". (A/5/3/1/Vol XVII)

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 28 ta' Lulju 2026.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn il-21 ta' Ġunju 2026 u t-28 ta' Lulju 2026.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri l-perjodu bejn il-25 ta' Mejju 2026 u l-10 ta' Lulju 2026.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fit-8.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu 2026 fil-5.30pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**